Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 198 / 2019

Il-Pulizja

Spettur Neil Harrison

Spettur Neville Aquilina

Vs

Carmel sive Charles Spiteri

Illum 20 ta' Frar 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Carmel sive Charles Spiteri, detenur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 387261M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer fit-30 ta' Settembru 1997 u fl-ahhar sitt xhur qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza, dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuna/i jew ghal persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939), jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma' kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-6 taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew fjorni d-

droga msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicinii Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Ukoll talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga u naqas li jipporova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Ukoll illi fit-30 ta' Settembru 1997 u fl-ahhar sentejn qabel dina d-data ghamel lottu klandestin b'weghdiet lill-gugaturi ta' premijiet ta' flus jew ta' haga ohra jew bil-mezz ta' gbir ta' sottoskrizzjonijiet ta' gugati fuq komunikazzjonijiet ta' numri li jaqblu ma' dawk ta' lottu pubbliku jew li jkunu bhalhom;

d)U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi ghamiltha ta' ricevitur ta' gugati tal-lottu, minghajr awtorizazzjoni;

e) U nakkuzawk ukoll talli fl-istess data u cirkostanza laghbt gugata (football pools), sew bi hlas fil-pront jew bid-dejn bi ksur tal-Artikolu 16 (3) Kap.131 tal-Ligijiet ta' Malta.

f) Ukoll talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta tal-21 ta' Novembru 1994.

g) Talli kkommetta r-reat tal-akkuza (a) u (b) fi jew gewwa distanza ta' 100 metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Il-Qorti hija mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjes u l-propjeta mobbli kollha li huma dovuti lill/jew jmissu lill-imputat jew huma propjeta tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jitrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi propjeta mobbli jew immobbli.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-26 ta' Gunju, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 16 (3) tal-Kapitolu 131, l-Artikoli 12(2) u 13(2) u l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap.101 tal-Ligijiet ta'; Malta, sabet lill-imputat Carmel sive Charlie Spiteri (ID 387261M) mhux hati tat-tielet (3) u tar-raba (4) imputazzjonijiet u minnhom illiberatu skond il-ligi; izda sabithu hati tal-bqija u cioe tal-(1), (2), (5) u (6) imputazzjonijiet u ikkundannatu komplessivament ghall-piena ta' disa (9) xhur prigunerija kif ukoll ghall-multa ta' elf u hames mitt euro (€1,500).

Inoltre, il-Qorti ordnat l-konfiska skond il-ligi tal-oggetti kollha elevati (inkluz flejjes) u esebiti in atti.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Carmel sive Charles Spiteri, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-12 ta' Lulju, 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:

1. Tikkonferma fejn ma sabitx lill-esponenti hati tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni;
2. Thassarha in kwantu sabitu hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet u tilliberah mill-piena hekk imposta fuqu; u
3. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghat-talbiet precedenti, fl-eventwalita li tichad it-tieni talba, li tvarja l-piena mposta ghal piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

## A. <u>Dwar l-inammisabilita' tal-istqarrija tal-appellant</u>

Hekk kif jixhdu kemm l-atti processwali kif ukoll is-sentenza appellata, b' mod specifiku mix-xhieda tas-Supretendent Neil Harrison, fil-mori tal-investigazzjoni tal-kaz odjern, l-appellant nhar l-**<u>1 ta' Ottubru, 1997</u>** rrilaxxa stqarrija.

Kif jemergi mill-imsemmija stqarrija stess, dak in-nhar li giet rrilaxxata l-istqarrija *de quo,* l-esponenti la nghata d-dritt li jikkonsulta privatament ma' konsulent legali qabel it-tehid ta' tali stqarrija u wisq anqas li jkollu l-konsulent legali tieghu prezenti waqt tali interrogatorju.

L-appellant huwa tal-fehema li tali stqarrija hija 'prova' inammissibbli u dana stante li tilledi d-drittijiet tieghu hekk kif imharsa mill-artikoli 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u dana fid-dawl tal-fatt li ghat-tehid tal-imsemmija stqarrija, kif jemergi mill-istqarrija nnifisha stess, l-esponenti ma kellu l-ebda opportunita li jkellem avukat qabel it-tehid tal-imsemmija stqarrija u wisq anqas li jitlob li jkollu, u kwindi lanqas qatt ma setgha kellu, konsulent legali tal-ghazla tieghu **<u>prezenti fizikament matul it-tehid tal-imsemmija stqarrija.</u>**

Id-dritt ghal smiegh xieraq skond fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja gie estiz mill-gurisprudenza Ewropeja mhux biss ghad-dritt li ghalih hija intitolata l-persuna akkuzata matul il-proceduri penali fil-Qorti izda ukoll ghal *pre-trial stage* u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u interrogata.

B'hekk jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat mal-artikolu 6(3)(c) jitlob u jesigi li s-suspettat ghandu dritt li jikkonsulta ma' avukat kemm qabel tittiehed l-istqarrija tieghu, izda ukoll waqt l-istess tehid tal-istqarrija.

Illi dan il-hsieb jemergi a bazi ta' gurisprudenza kopjuza mahluqa mill-ECHR, fosthom u mhux biss il-kaz ta' Dayanan vs Turkey (13/102009) u l-kaz ta' A.T. vs Luxembourg (no. 30460/13, 09/04/2015).

Qieghda ssir referenza wkoll ghal decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija [Spt. M. Bondin] vs Aldo Pistella'</u>** deciza

nhar is-27 ta' Gunju, 2017 mill-Onor. Imhallef J. Zammit McKeon liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali nhar l-14 ta' Dicembru, 2018 fejn il-Qorti ddecidiet illi:

> **"Ghal din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni jwassal ghal sitwazzjoni fejn l-uzu ta` l-istqarrija mehuda minghajr l-assistenza legali tammonta ghal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-imputat skont l-Art 6 tal-Konvenzjoni."**

Dan gie hekk stabbilit mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-sentenza **'Ir-Repubblika ta' Malta vs Rio Micallef et.'** deciza nhar it-3 ta' April, 2019 fejn il-Qorti rriteniet illi:

> "Din il-Qorti tosserva ukoll illi fid-decide taghha l-Qorti Kostituzzjoni ippuntwalizzat illi l-ewwel Qorti ma rritenietx illi kien hemm ksur tal-jedd tal-akkuzat, izda li uzu tal-istqarrija mehuda minghajr assistenza ikun jikkostitwixxi ksur tal-jedd ghal smigh xieraq. Dan iwassal lil din il-Qorti ghall-istess konkluzzjoni talewwel Qorti qabilha, illi ma ghandha ssir ebda referenza ghall-kull stqarrija, miktuba jew orali maghulha maghmulha mill-akkuzati qua persuni suspettati lill-Pulizija fl-assenza ta' avukat ta' fiducja taghhom precedenti l-interrogazzjoni u dan sabiex ma jkun hemm ebda ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq fil-konfront tal-akkuzati."

Ghaldaqstant a bazi tas-su espost, bir-rispett qieghed jigi sottomess illi a bazi tal-fatt illi l-esponenti ma kellu l-ebda opportunita li jkellem lill-konsulent legali tieghu kemm qabel kif ukoll waqt it-tehid tal-istqarrija rilaxxata minnu stess nhar l-1 ta' Ottubru, 1997, tali stqarrija ttiehdet bi ksur tal-Artikolu 6(1) abbinat mal-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u konsegwentament sabiex l-interessi tal-esponenti jibqghu intatti, kien/huwa mehtieg li l-imsemmija stqarrija ma tigix ikkunsidrata bhala prova ammissabbli u ma jkollha l-ebda piz probatorju.

**B. Dwar l-apprezzament tal-provi**

**B.1 Generali**

L-esponenti bir-rispett jishaqq illi r-ragunijiet moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghas-sejbien tal-htija tieghu ma jistghu qatt jigu accettati. Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-fatt stante li l-ewwel Onorabbli Qorti, waqt l-ezercizzju taghha tal-apprezzament tal-provi, naqset milli tiehu konjizzjoni ta' diversi nuqqasijiet fl-evidenza prodotta mill-Prosekuzzjoni u li fuq tali nuqqasijiet l-ewwel Onorabbli xorta wahda sabet htija.

Kif jemergi minn qari akkurat tas-sentenza appellata, matul it-tnejn u ghoxrin (22) sena illi ilu ghaddej dan il-process gudizzjarju dwar dawk l-imputazzjonijiet konnessi ma' droga, ossia l-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-esponenti, il-Prosekuzzjoni resqet biss "ipotezijiet" u xejn aktar.

Fil-fatt, l-ewwel Onorabbli Qorti a fol. 7 tas-sentenza appellata dwar il-provi relatati ma' dawn iz-zewg imputazzjonijiet issostni illi:

> *"Ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet (1) u (2) jidher li l-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti* ***zewg ipotezijiet*** *u cioe: …"* (sottolinear tal-esponenti)

L-esponenti jishaq illi fil-kawza odjerna l-Prosekuzzjoni ppruvat taghmel *"fishing expedition"* u xejn aktar. Ghandu jigi mfakkar illi jkun perikoluz hafna u detrimentali ghad-drittijiet fundamentali tal-individwu li kieku l-Qrati Kriminali jibdew jistriehu fuq ipotezijiet biex jaslu ghall-gudizzju.

Lil hinn mil-livell tal-prova illi rnexxielha tilhaq il-Prosekuzzjoni[1], l-ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet illi fil-waqt li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova illi allegatament George Bonello kien jakkwista d-droga minghand l-appellant, il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-konnessjoni bejn l-appellant u d-droga illi allegatament instabet fil-front garden fir-residenza tal-appellant.

Illi stante li l-ewwel Onorabbli Qorti ma sabitx htija in kwantu ta' din id-droga illi allegatament instabet fil-front garden tal-appellant u ddisponiet mill-korp tal-provi riferibbiliment ghal tali ipotezi, l-esponenti f'dan l-appell mhux ser joqghod jidhol f'dawk il-provi ezebiti u relatati ma' tali ipotezi li effettivament baqghet ma gietx pruvata u ser jiffoka fuq l-ipotezi illi tikkoncerna ix-xhud George Bonello.

---

[1] Liema livell, ossia dak tac-certezza morali, fl-umli fehma tal-esponenti, il-Prosekuzzjoni naqset milli tilhaq.

### B.3 Dwar ix-Xhud George Bonello

Permezz tas-sentenza appellata, l-ewwel Onorabbli Qorti ikkonkludiet illi…

> *"Wara li hasbet fit-tul u ezaminat bir-reqqa l-evidenza skond il-kriterji tal-process penali, l-Qorti hi tal-fehma illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-konvinciment morali, l-ewwel ipotezi (A). Din il-Qorti hi konvinta minn dak li qal ix-xhud George Bonello"*

Illi sabiex l-esponenti setgha jinstab hati li pprokura d-droga kokaina, il-Prosekuzzjoni kellha l-obbligu legali u morali li tipprova n-ness bejn l-esponenti u l-allegat susatanza illi kien jikkonsma ix-xhud George Bonello u l-provenjenza tal-imsemmija sustanza lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni[2].

Sabiex tipprova dan in-ness, li fl-umli fehma tal-esponenti, huwa l-pern tar-reat li bih instab hati l-esponenti, il-Prosekuzzjoni u eventwalment l-ewwel Onorabbli Qorti ghazlet li tistrieh kompletament fuq id-depozizzjoni ta' George Bonello ta' nhar it-13 ta' Novembru, 2006.

Ghandu jigi mfakkar illi ghalkemm l-artikolu 638(2) jistipula illi:

> *B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar.*

bir-rispett jinghadd illi xhud wiehed ikun bizzejjed u l-Qorti tkun tista' ssejjes id-decizjoni taghha fuq id-depozizzjoni tal-istess xhud, **JEKK**:

i. Id-deposizzjoni tal-imsemmi xhud tkun wahda li ma thalli l-ebda dubju f'mohh il-gudikant;
ii. Jekk jithalla xi dubju; jingiebu aktar provi li jsostnu l-istess deposizzjoni u jeliminaw kwalunkwe dubju;
iii. F'kaz li d-dubju ma jigix meghlub, a bazi tal-massima legali '*in dubio pro reo*' tali dubju ghandu jigi interpretat favur l-akkuzat.

---

[2] Vide passim. 'Il-Pulizija vs Dylan Agius deciza nhar it-8 ta' Lulju, 2016 per Mag. Dr. N. Galea Sciberras liema sentenza hija wahda res judicata

Illi ghalkemm l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza kkontestata stqarret illi "Din il-Qorti hi konvinta minn dak li qal ix-xhud George Bonello" l-esponenti b'umilta u b'rispett ma jistax jaqbel ma' tali dikjarazzjoni.

Meta wiehed jifli d-deposizzjoni ta' George Bonello wiehed jinnota illi ghalkemm il-kaz tal-Prosekuzzjoni huwa bbazzat kollu kemm hu fuq dan ix-xhud, tali xhieda hija altru milli univoka, imma l-oppost u cioe' mibnija u mghobbija b'ekwivoci li jrendu tali deposizzjoni bhala wahda intenabli u *'unreliable'*.

Dan ghandu jinqara fid-dawl tal-fatt illi x-xhud fuq il-pedana tax-xhieda kien selettiv ferm fix-xhieda tieghu u ghal aktar min-nofs il-mistoqsijiet illi sarulu, ix-xhud wiegeb illi "ma jiftakarx" imbaghad ikkonferma l-verzjoni illi ta lill-Pulzija *a tempo vergine.*

Din l-istess reazzjoni hija cara wkoll meta ix-xhud George Bonello reggha gie mitlub jixhed in kontro ezami nhar il-11 ta' Novembru, 2011.[3] Fejn ghal darba ohra f'din l-udjenza ix-xhud ikun evaziv ferm fir-risposti tieghu u fejn jaqbel lilu jaghzel li jiftakar u meta ma jaqbilx lilu jirrispondi "ma nafx" u "ma niftakarx" specjalment meta l-sitess xhud ikun qieghed jigi mistoqsi dwar ir-relazzjoni illi huwa kellu ma' bint l-esponenti!

Bir-rispett kollu pero ghalkemm mhux mistenni minn xhud illi jiftakar id-dettalji u l-irqaqat kollu illi jkun ghadda minnhom, madakollu minn xhud illi fuqu huwa msejjes process penali, kif effettivament huwa George Bonello fic-cirkustanzi odjerni, huwa **<u>minn ta' lanqas mistenni</u>** li jiftakar kemm kien jixtri droga!!!

Minkejja dan kollu, ix-xhud George Bonello mhux talli ma jiftakarx dawn id-dettalji bazici izda ghall-maggoranza tal-mistoqsijiet maghmulha lilu, jaghzel illi jwiegeb li ma jiftakarx jew li ma jafx.

B'hekk l-esponenti jistaqsi kif qatt leggittimament u ragjonevolment l-Ewwel Qorti tasal sabiex temmen li l-Prosekuzzjoni b'dan ix-xhud ippruvat il-kaz taghha sal-livell tal-prova minnha mistenni skond l-obbligi legali taghha ossia c-certezza morali!!

[3] Fol. 361 et seq. tal-Atti

## B.3 Dwar is-Sustanza allegatament ikkunsmata minn Bonello

Dan l-aggravju qieghed jingieb 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti.

Permezz tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni, l-esponenti jinsab akkuzat *inter alia* illi forna jew ipprokura d-droga kokaina u/jew kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina.

Illi stante li l-ewwel Onorabbli Qorti iddisponiet mill-korp tal-provi f'dak li jikkoncerna l-allegat bott tal-Bovril illi nstab fil-gnien ta' quddiem ir-residenza tal-esponenti u sabet htija biss a bazi tax-xhieda ta' George Bonello, l-esponenti ser jargumenta dwar kif lanqas jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss dak li qal Bonello kellu jitqies bhala prova kontra l-appellant, tali prova ma tilhaqx il-livel rikjest mil-Ligi.

Jibda biex jinghad illi ghalkemm Bonello stqarr illi kien jixtri d-droga kokaina mignhad l-esponenti, il-Pulizija fl-ebda moment ma sabu d-droga fuq Bonello izda kien Bonello innifsu illi qal illi kien jabbuza mid-droga kokaina u li allegatament kien jixtri din id-droga minghand l-esponenti.

Illi fil-proceduri odjerni, l-esponenti jinsab specifikament akkuzat illi huwa kien fil-pussess u forna d-droga kokaina, pero effettivament fejnha il-prova illi effettivament is-sustanza illi Bonello kien *dato ma non cecesso* jixtri minghand l-appellant kienet kokaina?

Illi tifli kemm tifli l-atti processwali, din l-allegata sustanza illi allegatament Bonello kien jixtri minghand l-esponenti ma ssibha imkien multo magis kemm gie ppruvat illi tali sustanza, dejjem kieku kellna nassumu illi kienet tezisti, hija dorga kokaina?

Bl-ikbar dovut rispett imma Bonello la huwa xjentist u wisq anqas espert? Kieku l-Qrati taghna kellhom jibdew jibbazaw il-gudizzju taghhom fuq dak li jghidu x-xhieda, kieku ma kienx ikun hemm il-htiega tal-hatra tal-espert – imma l-Ligi Proceduralì tirrkejedi mod iehor.

F'dan ir-rigward l-esponenti jaghmel referenza ghal sentenza deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta)[4] fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Jason Zammit'</u>** nhar is-27 ta' April, 2015 fejn dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Magistrati rriteniet illi:

> *"Fin-nuqqas ta' kwalsiasi analizi, madankollu, il-Qorti m'hijiex f'posizzjoni li tkun taf minn x'hiex kienu komposti dawn il-preparati u konsegwentement lanqas m'hija f'posizzjoni li tkun taf jekk dawn il-pilloli jew preparati Dihydrocodeine jidhlux fil-parametri tal-esenzjoni indikata fit-Taqsima III imsemmija. Kull dubju ghandu jmur favur l-imputat u ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni illi tali pilloli huma medicina perikoluza kif definita taht il-Kapitolu 101 u ghalhekk lanqas li huma kolpiti bl-Artikolu 7(2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta."*

*In oltre* f'dan l-istess rigward, l-appellant jaghmel referenza ghal sentenza ohra

ta' dina l-Onorabbli Qorti ta' nhar is-16 ta' Mejju, 2019 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Emad Masoud' fejn dwar in-nuqqas ta' analizi tas-sustanza mertu tal-imptuazzjonijiet, il-Qorti kkonkludiet illi:

> *"Gialadarba ma saret l-ebda analizi tas-sustanza suspettata raza mehuda mill-pjanta tal-Cannabis u, stante li l-imputazzjonijiet mahruga fil-konfront tal-appellant jirrigwardaw il-bejgh jew it-traffikar kif ukoll il-pussess tar-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, din il-Qorti tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ma resqitx l-ahjar prova, ma lahqitx il-grad ta' minghajr dubju dettat mir-raguni u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkonferma lhtija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-appellant."*

Fid-dawl tal-premess, b'mod partikulari mill-mod kif xehed George Bonello kif ukoll fin-nuqqas ta' prova hekk kif tikkontempla l-Ligi, l-esponenti jemmen illi huwa ma setgha qatt jinsatab hati illi kellu fil-pussess tieghu u li forna u/jew ipprokura d-droga kokaina.

**B.4 Konkluzjoni**

A bazi ta' dawn in-nuqqasijiet, l-esponenti umilment jishaqq illi fil-kaz odjern is-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti mhux *safe and satisfactory* stante li meta jigu kkunsidrati il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u dawk prodotti *in difesa*

[4] Per Mag. Dr. N. Galea Sciberras

jinholoq dubju ragjonevoli. Il-*lurking doubt* li ghalih jirreferu Blackstone, Archibold u l-gurisprudenza nostrana evidentement jezisti fil-kaz odjern u dan fid-dawl tal-fatt illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tilhaq il-livell rikjest mil-Ligi u cioe dak ta' *beyond reasonable time*.

**C. Dwar l-Aggravju tad-Distanza**

Dan l-aggravju qieghed jingieb 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti

Fil-proceduri odjerni, l-esponenti gie akkuzat ukoll illi kkommetta l-imsemmija reati f'post, fi/jew gewwa centru u jew f'distanza ta' mitt metru minn post fejn jiltaqghu iz-zghazagh, fil-kaz odjern skola.

Illi fl-umli fehma tal-esponenti, fid-dawl tal-provi prodotti, l-esponenti jemmen illi dan l-aggravju baqa' qatt ma gie ppruvat sal-grad rikjest mil-Ligi.

Permezz tas-sentenza appellata, l-ewwel Onorabbli Qorti ikkonkludiet illi ghal dak li jirrigwardja dan l-aggravju tad-distanza, il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova din l-imputazzjoni permezz tax-xhieda tal-Perit Richard Aquilina.

Illi kemm mix-xhieda kif ukoll mir-rapport tal-perit Richard Aquilina a fol. 92 et. seq tal-atti processwali jemergi bic-car illi l-espert "sabiex jaqdi l-inkarigu lilu moghti, l-esponent zamm access go **Triq Jean Houel, Ta' Giorni, San Giljan**" (enfasi tal-esponenti). Dan jidher bic-car ukoll mill-pjanta mehmuza mal-imsemmi rapport.

L-espert ikkonkluda illi "jirrizulta li parti mill-kullegg tal-Libjani jaqa' f'distanza ta' anqas minn mitt metru mill-post ta' fejn kien instab dan il-flixkun"

Minkejja dan kollu, mid-deposizzjoni tad-diversi ufficjali tal-Pulizija illi kienu involuti f'tali investigazzjoni, jirrizulta bl-aktar mod car u skjett illi r-residenza tal-esponenti ma kienetx gewwa Triq Jean houel, ossia mill-post illi sari l-kejl, izda tali rsidenza kienet gewwa Triq Bertha Quay.

Fil-fatt PC10 fid-deposizzjoni tieghu ta' nhar il-21 ta' Ottubru, 2005 jikkonferma illi "kien baghtni s-Sur Neil Harrison nosserva Triq Bertha Quay Ta' Giorni u r-residenza tal-imputat."[5]

Minkejja li mit-traskrizzjonijiet jirrizulta illi PC10 jghid li din ir-residenza tinsab gewwa 'triq Bertha Quay', PS 1261 jghid illi din ir-residenza tinsab fi 'Triq Bird',[6]s-Supretendent Neville Aquilina jghid li r-residenza tal-appellant tinsab gewwa 'Triq Bertha Kilg gewwa Ta' Giorni." U s-Supretendent Neil Harrison jghid illi r-residenza tal-appellant kienet fi 'Triq Berta Cage'[7], l-esponenti jifhem u japprezza li dan sar stante l-ezercizzju ta' transcribing u ma hemm l-ebda dubju illi tali varjaniz jirreferu kollha ghall-istess triq, u cioe Triq Bertha Kilg

Minkejja dan kollu jemergi bl-aktar mod car illi r-residenza tal-esponenti mhiex qieghda fi Triq Jean Houel u konsegwentament il-kalkoli kollha maghmula mill-Perit Richard Aquilina fil-waqt li huma tajba mil-lat ta' kejl, pero' dan il-kejl jirreferi ghal locus iehor li mhuwiex il-fond mertu ta' dawn il-proceduri. Konsegwentament fid-dawl ta' tali kalkoli, ma jista' qatt jirrizulta illi hemm anqas minn 100 metru mill-post fejn allegatament ikkommetta r-reati ravvizati fl-ewwel u fit-tieni imputazzjoni ghal post fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

**D. <u>Dwar il-htija taht il-Hames Imputazzjoni</u>**

Dan l-aggravju qieghed jigi mressaq 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti

Permezz tal-hames imputazzjoni, l-esponenti jinsab akkuzat illi laghab gugata sew bi hlas fil-pront jew bid-dejn bi ksur tal-Artikolu 16(3) tal-Kap 131 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tifli kemm tifli l-atti processwali, ma tezisti lanqas imqar prova wahda illi effettivament tipprova illi l-esponenti laghab tali gugata.

Tant kemm tezisti mankanza assoluta ta' tali provi, l-ewwel Onorabbli Qorti bl-ebda mod u manjiera ma tispjega kif waslet ghall-htija taht din l-imputazzjoni.

[5] Fol. 98 tal-Atti Processwali
[6] Fol. 107 tal-Atti Processwali
[7] Fol. 165 tal-Atti Processwali

L-esponenti bir-rispett jemmen illi stante li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduci provi illi jippruvaw tali akkuza, a bazi tal-massima legali *'Onus probandi incumbit ei qui dicit, non ei qui negat'*, l-appellant ma setgha qatt jinstab hati ta' din l-imputazzjoni u konsegwentament kellu jigi liberat minnha.

**E. <u>Dwar il-Piena</u>**

Minghajr pregudizzju ghal dak kollu su espost u fl-eventwalita' biss li l-punti precedenti jigu skartati minn dina l-Onorabbli Qorti, l-esponenti huwa tal-fehma li diversi cirkustanzi ghandhom ikunu ikkunsidrati ghall-fini ta' piena.

**E.1 Dwar it-Trapass taz-Zmien**

Fid-dawl tat-trapass taz-zmien illi ghadda mill-fatti mertu tal-kaz odjern ghas-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti, l-esponenti jhoss illi l-piena ta' prigunerija hekk kif inflitta fuqu mill-Ewwel Onorabbbli Qorti hija harza wisq.

Ghandu jigi mfakkar illi l-incident mertu tal-kaz sehh fl-1997 u gew decizi nhar is-26 ta' Gunju, 2019

**<u>Minn dan kollu jemergi illi l-esponenti ilu jistenna li ssir gustizzja minnu ghal madwar tnejn u ghoxrin sena</u>**

<u>I</u>lli f'dan l-istadju ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi'</u>** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar id-29 ta' Jannar, 2001, fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali rreteniet illi:

> **"It-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill- ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma."**

*Oltre* minn hekk, meta wiehed iqis it-trapass esagerat ta zmien minn meta sehhew il-fatti li taw lok ghal dawn l-akkuzi u d-data tas-sentenza, ossia madwar tnejn u ghoxrin sena shah, ma jistax ikun li l-appellant ma jhossx ruhu aggravat bil-piena inflitta.

It-trapass wahdu, anke fuq skorta ta' kazistika tal-Qrati taghna, kellu jgib mieghu riduzzjoni konsiderevoli tal-piena. Illi fir-rigward tat-trapass taz-zmien, l-esponenti jaghmel referenza ghal kawza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs. Mario Zammit'</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Novembru, 2004 per Onor. Imhallef David

Scicluna. Illi f'din is-sentenza din l-Onorabbli Qorti kienet ghamlet referenza ghal kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs. Nikola Farrugia' et deciza fit-2 ta' Ottubru, 2002 u applikat il-principju segwenti:

> **'Issa apparti li kif gje spjegat aktar il fuq f' din is-sentenza l-appellanti jew uhud minnhom kienu huma stess il-kagun ta' parti miz-zmien li fih twal il-process , il- fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta' kriminali tal-hati. Jista' pero ' f'xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena kif gie ritenut fil-kazijiet appena citati u kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza "Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi" (29.1.2001)"**

Di piu' l-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **'Beck vs Norway'** [8] fejn il-Qorti esprimiet ruhha rigwrd dan il-punt u sostniet is-segwenti:

> **27. The question remains whether the applicant may continue to claim to be a victim of a violation of Article 6 § 1 of the Convention on the grounds of the length of the criminal proceedings against him. In this regard the Court recalls that the mitigation of a sentence on the ground of the excessive length of proceedings does not in principle deprive the individual concerned of his status as a victim within the meaning of Article 34 of the Convention. However this general rule is subject to an exception when the national authorities have acknowledged in a sufficiently clear way the failure to observe the reasonable time requirement and have afforded redress by reducing the sentence in an express and measurable manner (see the Eckle v. Germany judgment of 15 July 1982, Series A no. 51, § 66).**
>
> **28. Applying these principles in the present case, the Court notes in the first place that the City Court expressly upheld the substance of the applicant's complaint under Article 6 § 1 of the Convention that the proceedings had exceeded a reasonable time.**
>
> **Secondly, the Court is satisfied that the applicant was afforded adequate redress for the alleged violation.**

[8] Nru. Tal- Applikazzjoni: 26390/95 u dciza nhar is-26 ta' Gunju, 2001

A bazi tas-su espost, fil-kaz odjern l-esponenti umilment jishaq illi ghandha tigi segwita din il-prassi mfahhra mill-Qorti ta' Strasbourg u l-piena erogata fil-konfront tieghu ghandha tigi mnaqqsa ghal wahda aktar miti.

**F. Dwar l-Addebitu tar-Recidiva**

L-ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet illi l-addebitu tar-recediva giet sodisfacentament ppruvat permezz tal-produzzjoni tas-sentenza ta' nhar il-21 ta' Novembru, 1994.

Permezz tal-imsemmija sentenza, ezebita a fol. 29 tal-atti processwali, l-appellant kien instab hati u kkundannat ihallas multa ta' tlett mitt lira Maltin (LM 300)

id-dawl tal-gurisprudenza ta' dina l-Onorabbli Qorti[9], sakemm ma ssirx il-prova mil-prosekuzzjoni li piena konsistenti f'multa giet imhallsa fis-shih, dik id-decizjoni, dejjem jekk res judicata, ma tistax titqies li hija prova valida ai fini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Minn imkien fl-atti ma tezisti l-prova li dik il-multa thallset u/jew li giet skontata in segwitu ghal konverzjoni tal-istess fi prigunerija.

Ghanda ssir referenza ghal sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Joseph Grech'</u>**[10] fejn il-Qorti ddecidiet illi:

**"Maghdud dan, madanakollu hemm ostakolu iehor li izomm lil din il-Qorti milli tqies dawn id-decizjonijiet ai fini tal-addebitu tar-recidiva. Illi ghalkemm kif inghad ma jenhtiegx li issir l-prova permezz tar-Registratur tal-Qorti li dawn is-sentenzi ghaddew in gudikat u dan ghal motivi migjuba, madanakollu din il-Qorti tara illi kien jenhtieg ghal Prosekuzzjoni li jigi ippruvat is-segwenti u dan dejjem ai fini ta' dak dispost fl-artikoli 50 u 289 tal-Kodici Kriminali: 1. Illi kif inghad f'zewg sentenzi jirrizulta illi l-appellanti wehel il-piena tal-multa. Sabiex allura id-decizjoni tista tintuza ai fini ta' recidivita' kif mahsub fl-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali jenhtieg li issir il-prova illi dik is-sentenza giet skontata permezz tal-hlas tal-multa."**

[9] Il-Pulizija v. Richard Edwards, deciza 13/10/10 appel 233/2010 per Onor. Imh. D. Scicluna;
Il-Pulizija v. Keith Camilleri, deciza 13/10/10 appel 178/2010 per Onor. Imh. D. Scicluna;
il-Pulizija v. Anthony Borg, deciza 16/11/06 per Onor. Imh. J. Galea Debono
[10] Deciza nhar it-28 ta' Gunju, 2017 per Onor. Imhallef E. Grima

A bazi tas-su espost kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kelliex ragun meta fis-sentenza appellata sostniet illi l-addebitu tar-recediva fie ppruvat skond il-Ligi

Ghaldaqstant stante li ma ngabet l-ebda prova li turi li tali multa giet mhallsa, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt ssib lill-appellant Spiteri hati taht l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali.

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Skont dak li jirrizulta mix-xhieda tas-Supretendent Neil Harrison[11], lejn Settembru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) il-Pulizija kienet irceviet informazzjoni li certu Charles Spiteri li joqghod '*Blk D, Flt 1, Triq il-Berta Cage ta*' *Giorni*' kien involut fit-traffikar tad-droga;

2. Kien ghalhekk li fit-tletin (30) ta' Settembru tas-senna elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) kienet qieghda tigi osservata r-residenza tal-imputat u l-vicinanzi. Skont is-Supretendent Neil Harrison irrizulta li kien qieghed juza *runner* biex ibieghlu d-droga u cioe' lil Karl Muscat;

3. Dak in-nhar tat-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) kienu gew arrestati Christopher Xerri u Noel Buhagiar minn vettura tat-tip Maurice Marina. Christopher Xerri gie nnutat jarmi qartas li kien fih trab kanella suspettat eroina;

4. Fl-istess jum kien gie arrestat Karl Muscat li kien f'vettura tat-tip Maruti. F'din il-vettura kien hemm ukoll it-tifla tal-imputat, Daniela Spiteri. F'din il-vettura kienu instabu zewg (2) qratas b'sustanza suspettati kokaina. Sussegwentement u senjament fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) Karl Muscat kien irrilaxxa stqarrija fejn fost affarijiet ohra stqarr li kien ibiegh droga li kien jaghtih iz-ziju tieghu l-imputat;

5. Fl-istess jum u cioe' fit-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) saret tfittxija fir-residenza tal-imputat fejn fost oggetti ohra li gew elevati, gew elevati seba' (7) cekkijiet li jammontaw ghal erba' mija u tmenin Liri Maltin

[11] Datata t-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006)

(LM480) li kienu inhargu minn kont ta' G.Bonello[12]. Fir-residenza tal-imputat instabu ukoll flus u salib ta' lewn isfar suspettat deheb. Fid-*drive in* tal-istess residenza taht sigra instab vazett tal-bovril li kien fih madwar hamsin (50) gramma kokaina[13].

6. Fl-istess jum, PC 10 kellu struzzjonijiet sabiex jirrispondi t-telefon jew mobile phone tal-imputat u filfatt irrisponda u allegatament certu Pawlu staqsa ghal Charlie li staqsa ghad-droga u ghalhekk PC 10 ippretenda li kien Charlie u qallu li huwa ma setghax jaqdih izda li kien ser jibghat lil xi hadd b'mutur. Il-Pulizija kienu marru hdejn Peppino's gewwa San Giljan u kienu arrestaw lil Paul Caruana li kien allegatament avvicina lil PC 10. Gie mitkellem ukoll Joseph Mallia.

6. George Bonello sussegwentent irrilaxxa stqarrija fejn stqar li kien ghall-ahhar tlett gimghat jixtri l-kokaina minghand l-imputat.

7. Ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant.

Illi wara li din il-Qorti permezz tas-sentenza moghtija fit-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) annullat is-sentenza tal-Ewwel Qorti, din il-Qorti sejra tiddeciedi l-kaz mill-gdid u tqis l-aggravji tal-appellant bhala sottomissjonijiet in difeza. Qabel ma tqis l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti sejra tikkunsidra l-ammissibilita' o meno tal-istqarrija rilaxxata mill-appellant. L-appellant fl-appell tieghu jissottometti li kemm l-atti processwali kif ukoll is-sentenza appellata, b'mod specifiku mix-xhieda tas-Supretendent Neil Harrison, fil-mori tal-investigazzjoni tal-kaz odjern, l-appellant nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) rrilaxxa stqarrija. Jissottometti li la nghata d-dritt li jikkonsulta privatament ma' konsulent legali qabel it-tehid ta' tali stqarrija u wisq anqas li jkollu l-konsulent legali tieghu prezenti waqt tali interrogatorju. Skont l-appellant din l-istqarrija hija 'prova' inammissibli u dana stante li tilledi d-dritijiet tieghu hekk kif imharsa mill-artikoli 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamanetali u dana

[12] Skont Is-Supretendent Neil Harrison fix-xhieda tieghu moghtija fit-13 ta' Novembru, 2006 '*Instabu seba' (7) cekkijiet l-ammont totali huwa ta' erba' mija u tmenin Lira (LM480) li kienu inhargu minn account ta' certu George Bonello.*' PC 682 Michael Cutajar fit-13 ta' Novembru, 2006 xehed dwar '*xi sebgha (7) cekkijiet ta' four hundred, eighty pound (LM480) 'il wiehed G. Bonello*.' Filwaqt li George Bonello fl-istqarrija rilaxxata fit-3 ta' Ottubru, 1997 gie mistoqsi '*Qed nuriek 7 'cheques' mahrugien mil-kont ta' G.A. Bonello fuq account number 2248214800209042, erbgha fl-ammonti ta' LM40 il-wiehed, tnejn t' LM80 il-wiehed u wiehed ta' LM160, u pagabli 'self', u li nstabu ghand dan Chalie Spiteri. Dawk ghafejn hallastu bihom?*' wiegeb '*Dawk huma c-cehques' li semmejt qabel, u li huma hlas ghad-droga kokajina. Sa fejn niftakar jiena ma' kienx hemm aktar cheques. pero gieli hallstu cash.*

[13] Skont ir-rapport tal-Ispizjar Mario Mifsud a fol 126 jirrizulta li l-piz kien dak ta' 52.15 grammi.

fid-dawl tal-fatt li ghat-tehid tal-imsemmija stqarrija l-appellant ma kellu l-ebda opportunita li jkellem avukat qabel it-tehid tal-imsemmija stqarrija u wisq anqas li jitlob li jkollu, konsulent tal-ghazla tieghu prezenti fizikament matul it-tehid tal-imsemmija stqarrija. L-appellant ghalhekk talab li l-imsemmija stqarrija ma tigix ikkunsidrata bhala prova ammissabbli u ma jkollha l-ebda piz probatorju.

Mill-atti senjatament a fol 13 et sequitur immarkat bhala Dok. 6 jirrizulta li l-appellant Carmelo sive Chalie Spiteri irilaxxa stqarrija fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997). Fl-atti giet ipprezentata kopja ta' din l-istqarrija. F'din l-istess stqarrija tirrizulta s-segwenti twissija:

'*Qed nigi mwissi mill-ispettur Neil Harrison fil-presenza ta' l-ispettur Neville Aquilina illi jiena m'nhiex obbligat li nirrispondi ghall-ebda domanda li ser ssirli, izda da kollu li ser nghid se jitnizzel bil-miktub u jista' jingieb bhala xhieda.*'

Filwaqt li fl-ahhar ta' din l-istqarrija hemm imnizzel li '*Din l-istqarrija ghamiltha minn jheddi, mighajr theddid jew promessi ta' xi vantaggi, hi l-verita kollha u wara li giet moqrija lili, nghid li hi korretta, u naghzel li ma' niffirmax.*'

Meta xehed is-Supretendent Neil Harrison fis-seduta tas-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u hamsa (2005) spjega li '*Bhala Dokument Numru 6 nesebixxi carbon copy ta' l-Istqarrija li jiena u dak iz-zmien Spettur Neville Aquilina, illum Supretendent, konna hadna lill-akkuzat fl-1 ta' Ottubru, 1997. Qed naghraf il-firma tieghi u ta' Neville Aquilina dak iz-zmien Spettur. L-akkuzat Carmel Spiteri kien ghazel li ma jiffirmax l-Istqarrija. L-istqarrija kienet ittiehdet wara li nghata t-Twissija kif imnizzla f'din l-istess Stqarrija.*'

Is-Supt Neville Aquilina fix-xhieda tieghu tal-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) ikkonferma li kien prezenti waqt l-istqarrija li ttiehdet minn Carmelo Spiteri fil-prezenza ukoll tal-Ispettur Neil Harrison. Huwa spjega li l-imputat kien ghazel li ma jifirmax l-istqarrija.

Ghalhekk fiz-zmien li ttiehdet l-istqarrija l-ligi Maltija ma kinitx taghti jedd lis-suspettat sabiex jikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija, u wisq anqas li jkollu Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Din il-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghal uhud mill-bosta sentenzi li trattaw id-dritt tal-assistenza legali. Fis-sentenza fl-ismijiet

**'Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) v. Mark Lombardi'**[14] il-Qorti Kostituzzjonali fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, ikkunsidrat li:

'*Fil-fehma ta' din il-Qorti biex jigi dikjarat jekk hemmx lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq il-Qorti mhux necessarjament trid toqghod tistenna sakemm jintemm il- kaz kollu jew li jigi attwalment miksur xi dritt tal-akkuzat, imma jekk ikun hemm diga` ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tista' taghmel dik id-dikkjarazzjoni ta' lezjoni, hija ghandha tezamina l-lanjanza meta tigi sollevata. Kif tikteb **Karen Reid** fil-ktieb **"A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights"**, 3rd Edition page 70 "While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall". Fil-fehma ta' din il- Qorti n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat fl-istadju ta' investigazzjoni hu wiehed minn dawn ic-cirkostanzi billi jista' jiddetermina "the framework in which the offence charged will be considered at the trial" (**Can**).*

*Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-appellati li hi ghandha tistenna sakemm jinqata' l-kaz kollu biex tikkunsidra l- ilment tal-appellant f'dan ir-rigward.*

*Illi kwantu ghall-aggravju proprju tal-appellant il-Qorti thoss li l-gurispurdenza ormai stabbilita tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ghandha f'dan il-kaz tigi segwita, nonostante li bhala regola l-gurisprudenza ta' Strasbourg strettament m'hijiex wahda vinkolanti fil-kazijiet kollha.*

*Ir-regola hi li l-Artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni mill-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Id-dritt ghal avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni.*

*Izda anke jekk ikun hemm ragunijiet impellenti ghal xi restrizzjonijiet, tkun xi tkun ir-raguni, dawn ir-restrizzjonijiet ukoll m'ghandhomx jippregudikaw id-drittijiet tal-akkuzat taht l-Artikolu 6.*

*Dan id-dritt tal-akkuzat ikun irrimedjabbilment pregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula meta ma jkunx assistit minn avukat u dawn l- istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.*'

[14] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' April, 2011 (Appell Civili Numru: 34/2009/1)

Kien hemm zvillup sinifikativ fil-gurisprudenza Maltija wara l-ghoti tas-sentenza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet '**Mario Borg vs Malta'**[15] fejn gie ikkunsidrat li:

*'56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*

*58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

*(ii) Application to the present case*

*59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.*

*60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v.*

[15] Deciza fit-12 ta' Jannar, 2016 u reza finali fit-12 ta' April 2016 (Application no. 37537/13)

*Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Christopher Bartolo (KI 390981M) VS Avukat Generali Kummissarju tal-Pulizija'**[16], il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) kienet ikkunsidrat li:

*'Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, l-intimati jargumentaw illi l-ilment tar- rikorrent fil-meritu huwa nfondat peress illi huwa kien inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, u filfatt kien ezercita dan id-dritt, u illi s- sentenza citati minnu fir-rikors promotur ma huma ta' l-ebda sostenn ghal l-ilment tar-rikorrent peress illi dawn jipprospettaw sitwazzjoni fejn l-interrogat ma thalliex ikellem avukat qabel ma ttehdulu l-istqarrija.*

*Il-Qorti rat pero illi l-ilment tar-rikorrent fir-rikors promotur tieghu m'huwiex illi ma thalliex jikkonsulta ma' avukat qabel ma ttehdietlu l-istqarrija (hlief fir-rigward tat-tieni wahda), izda*

[16] Deciza nhar it-23 ta' Novembru, 2017 (Rikors Numru: 92/2016 JPG)

*proprju illi l-assistant legali tieghu ma kienx prezenti* ***waqt*** *it- tehid tal-istqarrija, kif jidher per ezempju minn paragrafu 8 u 13 tar-rikors promotur.* ***M'huwiex ikkontestat illi r-rikorrent ma giex interrogat fil-presenza tal-avukat tieghu, anke ghaliex wara kollox, f'dak iz-zmien il-ligi stess ma kienitx tippermetti dan.***

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Panovits v. Cyprus*** *deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fl-11 ta' Dicembru 2008 intqal illi: "...the Court observes that the concept of fairness enshrined in Article 6 requires that the accused be given the benefit of the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation.* ***The lack of legal assistance <u>during an applicant's interrogation</u> would constitute a restriction of his defence rights in the absence of compelling reasons that do not prejudice the overall fairness of the proceedings."***

*Fuq l-istess linja ta' hsieb, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Dayanan v. Turkey*** *deciza mill- Qorti ta' Strasbourg fit-13 ta' Ottubru 2009 u citata fir-rikors promour tar-rikorrent:*

*"In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case- law,* ***an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only <u>while being questioned</u>*** *(for the relevant international legal materials see Salduz, cited above, §§ 37-44). Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention."*

*Il-fatt illi l-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg evolviet sussegwentement ghas- sentenza ta'* ***Salduz*** *b'mod illi l-interpretazzjoni tad-dritt ghal smiegh mill-Qorti bdiet tikkonsidra li huwa necessarju li l-arrestat jithalla jkollu l-assistenza ta' avukat waqt l-interogattorju hija kkonfermata bl-aktar mod car fis-sentenza fl- ismijiet* ***Brusco v. France*** *deciza fl-14 ta' Ottubru 2010, fejn il-Qorti ta' Strasbourg ibbazat il-konkluzjoni taghha mhux biss fuq l-fatt illi Brusco ma thalliex ikellem avukat qabel ma gie interrogat izda anke ghaliex ma kellux access ghal avukat waqt l-ewwel interogazzjoni tieghu u l-interogazzjonijiet l-ohra kollha ta' wara dik, u dan a kuntrarju ta' dak li jezigi l-Artikolu 6:*

*"L'avocat n'a donc été en mesure ni de l'informer sur son droit à garder le silence et de ne pas s'auto-incriminer avant son premier interrogatoire ni de l'assister lors de cette déposition et lors*

*de celles qui suivirent, comme l'exige l'article 6 de la Convention."*

*Konferma terga aktar cara ta' dan, tinsab fis-sentenza fl-ismijiet* ***Navone and others v. Monaco*** *deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fl-24 ta' Ottubru 2013, fejn il- Qorti ikkonkludiet illi l-ligi ta' Monaco, li kienet tippermetti biss konsultazzjoni ma' avukat qabel l-interrogatorju, u ma kienitx tippermetti illi l-avukat ikun prezenti waqt l-interogazzjoni*[17], ***kienet leziva tad-dritt ta' smiegh xieraq****:*

*"Or, en l'espèce, nul ne conteste qu'à l'époque des faits, le droit monégasque ne permettait pas aux personnes gardées à vue de bénéficier d'une assistance d'un avocat pendant les interrogatoires : une telle assistance était donc automatiquement exclue en raison des dispositions légales pertinentes. La Cour relève en effet que le droit interne ne prévoyait qu'une consultation avec un avocat au début de la garde à vue ou de la prolongation de celle-ci, pendant une heure maximum, l'avocat étant en tout état de cause exclu des interrogatoires dans tous les cas.*

*(...)*

*Par conséquent, la Cour ne peut que constater que les requérants ont été automatiquement privés de l'assistance d'un conseil au sens de l'article 6 lors de leur garde à vue, la loi en vigueur à l'époque pertinente faisant obstacle à leur présence durant les interrogatories."*

*Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diga bdew jesprimu d-dubbji taghhom rigward jekk, il-ligi, kif kienet dak iz-zmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegh xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis*** *fejn intqal illi:*

***"...jista' jkun hemm lok ghal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt ghall-assistenza legali moghti lill- arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti llum taht il-ligi taghna, huwa ristrett ghal siegha qabel l-interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju.*** *F'dak l-istadju l-arrestat huwa soggett ghal mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-*

---

[17] Bhas-sistema Maltija f'dak iz-zmien. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) fis-sentenza fl-ismijiet **'Christopher Bartolo (KI 390981M) VS Avukat Generali Kummissarju tal-Pulizija'** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-23 ta' Novembru, 2017 (Rikors Numru: 92/2016 JPG))

*risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit- traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor."*

*Huwa car ghalhekk illi skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif zviluppat u evolviet sussegwentement ghas-sentenza ta' Salduz, il- garanzija u protezzjoni ta' smiegh xieraq tirikjedi illi l-arrestat jinghata l-possibilita li jkollu mieghu avukat tal-fiducja tieghu waqt, u mhux biss qabel, l-interogazzjoni. Ghalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tar-rikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l- interogazzjoni.*

*M'huwiex kontestat, illi fiz-zmien in kwistjoni* ***kien hemm restrizzjoni sistematika*** *li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiducja tieghu prezenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma thalliex ikollu avukat prezenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma inghatax access ghall-avukat tieghu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt wahdu, skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa bizzejjed biex tinstab lezjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq.*

*Il-Qorti pero ma tistghax ma tirrilevax illi dan huwa kaz gravi u partikolari, fejn ir- rikorrent huwa afflitt minn marda serja u terminali, tant li fi zmien tal- interogazzjoni kien ikollu jaghmel sitt sieghat dialysis, fi granet alternattivi u filfatt kien gie arrestat hekk kif kien ghadu hareg minn sitt sieghat dialysis. Il-Qorti tinsab mhassba mmens illi l-pulizija ma zammew ebda record tal-kondizzjoni ta' sahha tar-rikorrent, b'mod illi ma jistghux jikkonfermaw jekk kienux taw cans lir- rikorrent jiekol u jixrob bejn sitt sieghat dialysis u l-interogazzjoni tieghu jew le, skont kif qed jallega r-rikorrent. Il-Qorti tfakkar illi sakemm ir-rikorrent kien fil- kustodja tal-pulizija, il-pulizija kienet responsabbli ghal sahhtu u ghalhekk kellha tara li jkollha informazzjoni sufficjenti dwar il-kondizzjoni medika tar-rikorrent sabiex tigi salvagwardjata sahhtu u li r-rikorrent ma jithalliex bil-guh u bil-ghatx wara sitt sieghat dialysis.*

*Il-Qorti hija tal-fehma illi mill-provi prodotti rrizulta l-kondizzjoni medika tar- rikorrent, li kienet tikkawzalu ugiegh kbir, ansjeta u depressjoni, dana kollu jirrendi r-rikorrent persuna vulnerabbli, specjalment ikkonsidrat illi l-ewwel interogazzjoni segwit sitt sieghat dialysis. Barra minn hekk, skont it-testimonjanza mhux kontradetta tal-psikologu Nicholas Briffa, a fol 128 – 129, ir-rikorrent huwa persuna suxxettibbli, u reza vulnerabbli minhabba l-kondizzjoni medika u d- depressjoni li minnha kien jbaghti. Di piu' l-fatt illi r-rikorrent ma kellu l-ebda esperjenza ta' interrogatorju, tirrendih aktar vulnerabbli.*

*Il-Qorti rat ukoll illi l-intimati ma ressqu l-ebda prova li kien hemm xi ragunijiet impellanti - "compelling reasons" - sabiex ir-rikorrent ma jithalliex ikollu avukat prezenti waqt l-interogazzjonijiet tieghu. Ghalhekk, ikkonsidrat li dak iz-zmien kien hemm restrizzjoni sistematika ghad-dritt ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, l-effetti ta' liema kienu aggravati f'dan il-kaz minhabba l-vulnerabbilita tar- rikorrent, u galadarba l-intimati ma ressqu l-ebda prova li kien hemm ragunijet serji u mpellenti li jistghu jiggustifikaw ir-restrizzjoni tad-dritt ta' assistenza legali sofferta mir-rikorrent, il-Qorti tikkonkludi illi l-ilment tar-rikorrent illi d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq gie lez, huwa fondat.*

*Ghalhekk, il-Qorti tiddikjara illi r-rikorrent sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq minhabba restrizzjoni mhux gustifikata ghad-dritt tieghu ta' access ghal avukat.*'

L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija appellaw din is-sentenza, fejn il-Qorti fid-decizjoni taghha[18], fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, ikkunsidrat:

'*35. Fil-kaz odjern jirrizulta car li fl-istqarrijiet tieghu r-rikorrent, minkejja li qabel ma irrilaxxja l-ewwel stqarrija, l-avukat tieghu kien tah il-parir li f'dak l-istadju ma jghid xejn lill-pulizija, huwa xorta wahda iddecieda li jirrispondi ghad-domandi waqt l-interrogazzjoni, bir-rizutlat li stqarr certu fatti inkriminanti ghalih in kwantu ammetta li kien jixtri l-blokkok tal-cannabis, kemm ghall-konsum personali tieghu kif ukoll sabiex ibiegh lil terzi. Fil-fatt stqarr li kien ibiegh minnha lill-barranin li kienu Ghawdex. B'dan il-mod huwa kien ammetta li kien jittraffika dik id-droga. L-istess ammissjoni kienet giet ripetuta fit-tieni stqarrija fejn ir-rikorrent amplifika wkoll dwar minn ghand min kien jixtri d-droga.*

*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil- proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l- kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir- rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal- proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill- Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil- kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

[18] Sentenza fl-ismijiet 'Christopher Bartolo v. (1) Avukat Generali; u (2) Kummissarju tal-Pulizija' deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-5 ta' Ottubru, 2018 (Rikors numru 92/16 JPG)

*37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad- dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id- dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali'*

Il-Qorti Kostituzzjonali kienet laqghet l-appell tal-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija, irrevokat is-sentenza appellata u minflok, laqghet l-eccezzjoni tal-intimati in kwantu l-proceduri odjerni huma intempestivi, u ordnat, minflok, li biex ma jsehhx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma jsirx aktar uzu miz-zewg stqarrijiet rilaxxati mir-rikorrent fil-proceduri kriminali.

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) kontra Aldo Pistella'**[19] fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, gie kkunsidrat li:

*'Riferibbilment ghall-kaz in ezami, jirrizulta illi Aldo Pistella nghata dritt li jkellem lill-avukat ta` ghazla tieghu qabel irrilaxxja l-istqarrija lill-Ispettur Malcolm Bondin. L-ispettur koncernat ikkonferma li hekk kien il-kaz, kemm meta xehed fil-kors ta` dan il-procediment, kif ukoll meta xehed fil-kawza kriminali. In partikolari, fis-seduta tal-kawza kriminali tal-20 ta` Ottubru 2014 stqarr illi :-*

*"Minn hemm hekk komplejna bl-investigazzjonijiet mas-sur Aldo Pistella fejn jien tajtu d-drittijiet tieghu u fejn tajtu d-dritt tal-parir legali fejn xtaq li jkellem avukat u fil-fatt kien tkellem ma` l-avukat tieghu Dr Sarah Sultana personalment, kien tkellem l-ghada filghodu fejn kienet giet tkellmu gewwa l-kwartieri tal-Pulizija. Wara li ha l- parir legali kont komplejt bl-investigazzjonijiet mieghu...." (ara fol 19 u 20 tal-process kriminali).*

*Mill-istqarrija rrizulta wkoll illi Pistella kkonferma li fehem it-twissija moghtija lilu mill-pulizija u li kien kellem lil avukat tieghu qabel ma rrilaxxja l- istqarrija. Insibu a fol 29 :*

*"M: Fhimtha t-twissija li ghadni kif tajtek?*

*T: Iva.*

[19] Deciza mill-Qorti Civili Prim' Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) nhar is-27 ta' Gunju, 2017 (Referenza Kostituzzjonali Numru: 104/16 JZM).

*M: Tikkonferma li kellimt lil avukat tieghek Dr Sara Sultana u gejt moghti dokument bid-drittijiet kollha tieghek bil-lingwa taljana?*

*T: Iva."*

*Madanakollu rrizulta wkoll illi Pistella ma kienx assistit mill-avukat ta` ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija. Gara hekk ghaliex fiz-zmien meta Pistella kien qed jigi nvestigat, ma kienx hemm dritt li min kien qed jigi nvestigat jitlob li jkun assistit minn konsulent legali waqt it-tehid ta` l- istqarrija.*

*Din hija propju l-kwistjoni mertu tar-referenza kostituzzjonali odjerna, ossija jekk il-kaz ta` persuna li ma jkollhiex assistenza legali fl-istadju meta tkun giet arrestata u interrogata jikkostitwix ksur tal-jedd ghal smigh xieraq kif tutelat bl-Art 6 tal-Konvenzjoni.*

*Il-Qorti hadet nota tal-fatt li Aldo Pistella ddikjara li talab l-assistenza ta` avukat izda dak l-avukat ma kienx prezenti waqt l-interrogatorju.*

*Irrizulta wkoll mix-xiehda tal-Ispettur Bondin fil-proceduri kriminali illi waqt li kien qed jaghti l-istqarrija, Pistella kkopera izda kellu problema bejn li ried jikxef il-persuni involuti u bejn li ma riedx ; ghalhekk kien rega` nsista li jkellem lill-konsulent legali izda din it-talba kienet michuda.*

*L-ispettur xehed hekk a fol 25 :-*

*"Is-sinjur ikkopera maghna bis-shih. Il-problema li kellu s-sinjur qisu bejn jixtieq jikkopera mal-pulizija u jghid verament min huma nvoluti n-nies u minn ghand min kien qed jixtri u jassistina f dawk l- affarijiet u bejn qed jibza` minn dawn l-affarijiet. Ghax f hin minnhom xtaq li jghinna u f hin minnhom rega` talab biex jitkellem fil-fatt ma` l-avukat, ghidtlu li ma jistax."*

*Ghal din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l- interrogazzjoni jwassal ghal sitwazzjoni fejn l-**uzu ta` l-istqarrija** mehuda minghajr l-assistenza legali tammonta ghal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-imputat skont l-Art 6 tal-Konvenzjoni.*

***Din il-Qorti tqis li ghall-kaz odjern ghandha tapplika l- gurisprudenza l-aktar ricenti tal-ECHR u tal-qrati taghna fejn inghad kjarament li d-dritt ta` l-applikant jigi rrimedjabbilment ippregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.** '*

L-istess Qorti[20] kkunsidrat li:

'*Fil-fehma ta` din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt l-istess interrogazzjoni talbet li terga` tkellem lill-avukat u tali talba giet michuda, iwassal ghal sitwazzjoni fejn id- dritt ta` dik il-persuna, fil-kaz tal-lum Aldo Pistella, kien irrimedjabbilment ippregudikat stante illi huwa rrilaxxja stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.*

*Issa rrizulta wkoll illi l-kawza kriminali ghadha pendenti.*

***Ghalkemm il-qorti ta` gurisdizzjoni kriminali eventwalment taghti decizjoni fil-mertu wara li jkun inghalaq il-gbir tal-provi, tenut kont tal- konsiderazzjonijiet kollha premessi, m`ghandux ikun illi l-kawza kriminali titkompla bl-istqarrija ta` Aldo Pistella lill-Ispettur Malcolm Bondin tkun taghmel prova ladarba rrizulta li waqt it-tehid tal- istqarrija ma kienx prezenti l-avukat ta` Aldo Pistella.***

***Del resto l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija t-tnejn sostnew illi l-kaz tal-pulizija kontra Aldo Pistella mhuwiex fondat biss fuq l-istqarrija ta` l-akkuzat izda fuq provi ohra wkoll.***

***Ghalkemm jibqa` l-principju li procediment gudizzjarju ghandu jitqies fit-totalita` tieghu sabiex jigi determinat kienx hemm ksur tal- jedd ghal smigh xieraq, tibqa` l-konsiderazzjoni li m`ghandu jsir ebda uzu mill-istqarrija ta` Aldo Pistella fil-process kriminali sabiex meta jintemm il-process kriminali, ma jkunx mittiefes b`irregolaritajiet.***'

Il-Qorti Kostituzzjonali[21] ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti, fejn fost kunsiderazzjonijiet ohra dwar l-appell prezentat mill-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija ikkunsidrat li:

'*Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l- istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said[22], il-qorti*

[20] Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) kontra Aldo Pistella' deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fis-27 ta' Gunju 2017 (Referenza Kostituzzjonali Numru. 104/16 JZM)

[21] Fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella' deciza fl-14 ta' Dicembru, 2018 (Rikors numru: 104/2016/1 JZM)

[22] 24 ta' Ġunju 2016. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella' deciza fl-14 ta' Dicembru, 2018 (Rikors numru: 104/2016/1 JZM).

*xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil- proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*

*15. Il-fatt li, kif josservaw l-appellanti, hemm xiehda oħra fil-proċess barra l-istqarrija li tista' ssaħħaħ il-każ tal-prosekuzjoni ma huwiex argument kontra din il-konklużjoni. Ifisser biss li l-każ tal- prosekuzzjoni ma jiddgħajjifx bit-tneħħija tal-istqarrija waqt li jista' jinġieb fix-xejn jekk l-istqarrija titħalla fil-proċess u dan possibilment iwassal għal sejbien, eventwalment, ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.'*

Illi ricentement kien hemm zvilupp sostanzjali fid-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Sentenza ta' certu importanza hija dik moghtija mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza **'Bueze vs Belgium'**[23] fejn ghamlet emfazi fuq il-fatt li l-fatti u l-proceduri iridu jigu evalwati fl-intier taghhom sabiex jigi determinat jekk kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq. Filfatt qieset:

*'150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and*

[23] Deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru, 2018 (Applikazzjoni numru: 71409/10)

*oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.'*

Gie kkunsidrat li:

'*193. In conclusion, re-emphasising the very strict scrutiny that must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court finds that the criminal proceedings brought against the applicant, when considered as a whole, did not cure the procedural defects occurring at the pre-trial stage, among which the following can be regarded as particularly significant:*

*(a) The restrictions on the applicant's right of access to a lawyer were particularly extensive. He was questioned while in police custody without having been able to consult with a lawyer beforehand or to secure the presence of a lawyer, and in the course of the subsequent judicial investigation no lawyer attended his interviews or other investigative acts.*

*(b) In those circumstances, and without having received sufficiently clear prior information as to his right to remain silent, the applicant gave detailed statements while in police custody. He*

*subsequently presented different versions of the facts and made statements which, even though they were not self-incriminating stricto sensu, substantially affected his position as regards, in particular, the charge of the attempted murder of C.L.*

*(c) All of the statements in question were admitted in evidence by the Assize Court without conducting an appropriate examination of the circumstances in which the statements had been given, or of the impact of the absence of a lawyer.*

*(d) While the Court of Cassation examined the admissibility of the prosecution case, also seeking to ascertain whether the right to a fair trial had been respected, it focused on the absence of a lawyer during the period in police custody without assessing the consequences for the applicant's defence rights of the lawyer's absence during his police interviews, examinations by the investigating judge and other acts performed in the course of the subsequent judicial investigation.*

*(e) The statements given by the applicant played an important role in the indictment and, as regards the count of the attempted murder of C.L., constituted an integral part of the evidence on which the applicant's conviction was based.*

*(f) In the trial before the Assize Court, the jurors did not receive any directions or guidance as to how the applicant's statements and their evidential value should be assessed.*

*194. The Court finds it important to emphasise, as it has done in other cases under Article 6 § 1 of the Convention in which an assessment of the overall fairness of the proceedings was at issue, that it is not for the Court to act as a court of fourth instance (see Schatschaschwili, cited above, § 124). In carrying out such an assessment, as required by Article 6 § 1, it must nevertheless carefully look at how the domestic proceedings were conducted, and very strict scrutiny is called for where the restriction on the right of access to a lawyer is not based on any compelling reasons. In the present case, it is the combination of the various above-mentioned factors, and not each one taken separately, which rendered the proceedings unfair as a whole.*

*(iv) General conclusion*

*195. Accordingly, there has been a violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention.'*

Ghalhekk skont din is-sentenza, ir-restrizzjoni ghal access ta' Avukat waqt l-interrogatorju ma jfissirx awtomatikament li kien hemm lezjoni tad-dritt ghas-smiegh xieraq izda jehtieg li l-Qorti trid tqis ukoll l-'*overall fairness*' tal-proceduri sabiex jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni o meno.

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal Joint concurring opinion tal-Imhalfin Yudkivska, Vučinić, Turković and Hüseynov ghas-sentenza fl-ismijiet **'Beuze v. Belgium'**[24] fejn fost affarijiet ohra ikkunsidraw li:

'22. *In sum, we believe that it is vital to make a distinction between the systematic defects and the particular defects which are found in individual cases as a result of targeted and context-specific restrictions (e.g. in terrorism cases) or as a result of mistakes and shortcomings in individual cases. It is not correct for the Court to consider the overall fairness of an individual applicant's case when a systematic ban exists, affecting every other individual in the applicant's position and in the absence of any assessment by the relevant national authorities.*

*23. The formulation of the exception is extremely clear: any derogation must be justified by compelling reasons pertaining to an urgent need to avert danger for the life or physical integrity of one or more people. In addition, any derogation must comply with the principle of proportionality, which implies that the competent authority must always choose the alternative that least restricts the right of access to a lawyer and must limit the duration of the restriction as much as possible. In accordance with the Court's case-law, no derogation may be based exclusively on the type or seriousness of the offence and any decision to derogate requires a case-by-case assessment by the competent authority. Finally, derogations may only be authorised by a reasoned decision of a judicial authority.*

*24. The Court must apply a strict approach to a blanket prohibition on the right to legal assistance; otherwise we will end up in conflict with the overall direction of both the case-law of the Court and EU law.*'

Fid-decizjoni ta' referenza Kostituzzjonali fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello'**[25] il-Qorti iddikjarat li fic-cirkostanzi tal-kaz mhux ser ikun jirrizulta ebda lezjoni tad-dritt fondamentali tal-akkuzat Martino Aiello ghal smigh xieraq kif

[24] Deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru, 2018 (Applikazzjoni numru: 71409/10)
[25] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-17 ta' Ottubru, 2019 (Referenza Kostituzzjonali Numru: 38/2018 AF)

sancit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jekk isir uzu fil-guri kontra tieghu mill-istqarrija li huwa rrilaxxja lil pulizija fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) wara li fost kunsiderazzjonijiet ohra, kkunsidrat li:

'*Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża li għandha quddiemha llum, din il-Qorti hija tal-fehma li ma ġiex muri li bl-użu tal-istqarrija tiegħu fil-ġuri kontra l-akkużat ser jiġi mittiefes id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.*

*Qabel xejn, din il-Qorti tgħid illi ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet tajbin li jżommu lill-akkużat milli jkollu avukat preżenti waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jagħti l-istqarrija. L-uniku raġuni li Martino Aiello ma setax ikun mgħejjun minn avukat kienet li, dak iż-żmien, il-liġi ma kienitx tippermetti li l-akkużat ikun hekk mgħejjun f'dak l-istadju imma seta' jikkonsulta ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni, xi ħaġa li mhux kontestat li Martino Aiello rrifjuta li jagħmel.*

*Madanakollu, il-posizzjoni ġurisprudenzjali kurrenti turi li m'għadux il-każ li l-fatt waħdu li l-liġi ma kienitx tippermetti l-assistenza ta' avukat qabel jew waqt l-interrogazzjoni, awtomatikament iwassal sabiex jinstab li kien hemm ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, kif qiegħed jippretendi l-akkużat, imma din il-Qorti għandha tqis diversi fatturi qabel tasal għall-konklużjoni tagħha.*

*Kif diġà ntqal, dan il-każ huwa kemmxejn differenti mill-każ ta' Aldo Pistella in kwantu li Martino Aiello kien fil-fatt irrinunzja għad-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat qabel ma ġie interrogat mill-Pulizija u assolutament ma ġiex muri li huwa xtaq li jkollu avukat preżenti waqt l-interogazzjoni jew waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija.*

*Proprju dwar ir-rinunzja, fil-każ ta' Paskal vs Ukraine, tal-15 ta' Settembru 2011, il-Qorti Ewropea qalet hekk:*

> *"neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial, as long as a waiver of the right is given in an unequivocal manner and was attended by the minimum safeguards commensurate to its importance."*

*L-akkużat naqas milli juri wkoll li huwa għandu jitqies bħala persuna vulnerabbli. Fil-fatt, meta xehed quddiem din il-Qorti, tista' tgħid li ma semma xejn dwar iċ-ċirkostanzi tal-arrest tiegħu*

*flimkien ma' martu mal wasla tagħhom hawn Malta. Martino Aiello la kien minorenni u lanqas kien ibati minn xi forma oħra ta' vulnerabilità fiż-żmien in kwistjoni. Lanqas jirriżulta xi prova fis-sens li ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdet l-istqarrija kienu għalih intimidanti. L-istqarrija ngħatat volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi u wara li ngħata d-debita twissija skont il-liġi, u ċioè li ma kienx obbligat jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, iżda li dak li kien ser jgħid seta' jinġieb bħala prova kontrih. Lanqas ma ġie muri li l-akkużat ma kienx qiegħed jifhem l-import taċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom. Il-Qorti tinnota wkoll illi Martino Aiello ma qajjem l-ebda lment dwar l-istqarrija li kien irrilaxxja qabel ma ġie deċiż il-każ ta' Borg vs Malta imma huwa talab lill-Qorti Kriminali sabiex ikun jista' jressaq eċċezzjoni dwar l-inammissibilità tal-istqarrija biss minħabba dak deċiż mill-Qorti Ewropea fl-imsemmija każ. Imma kif rajna, din il-ġurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità tal-prova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għall-preżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*

*Finalment, il-Qorti tqis illi huwa indubbjament fl-interess pubbliku li jiġi investigat u imressaq sabiex jiġi ġudikat mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali l-akkużat li nqabad in flagrante jittraffika d-droga f'Malta.*

*Għaldaqstant, il-Qorti ssib li l-akkużat Martino Aiello ma rnexxilux juri li tassew ser iġarrab ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq bl-użu fil-ġuri kontra tiegħu tal-istqarrija li rrilaxxja fid-19 ta' Ottubru 2014.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Paul Anthony Caruana v. Avukat Ġenerali, Kummissarju tal-Pulizija, Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali'**[26] il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet referenza ghas-sentenza fuq citata fl-ismijiet **'BEUZE VS Belgium'**[27] u kkunsidrat li:

*'18. Din hija interpretazzjoni li hija eqreb mal-posizzjoni li kienet ħadet din il-qorti qabel is-sentenza ta' Borg milli mal-interpretazzjoni mogħtija mir-Raba' Sezzjoni f'Borg u effettivament*

[26] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju, 2019 (Rikors kostituzzjonali numru: 64/2014 JRM)
[27] Deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru, 2018 (Applikazzjoni numru: 71409/10)

*tfisser li kellha raġuni il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-posizzjoni li kienet ħadet fil-każ ta' Muscat u fis-sentenzi li segwew, qabel ma kienet kostretta tbiddel dik l-inter- pretazzjoni fid-dawl ta' Borg.*

*19. Uħud mill-imħallfin membri tal-qorti li tat is-sentenza ta' Beuze, f'opinjoni għalihom, ikkritikaw is-sentenza fejn qalet illi, f'kull każ, trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu u mhux biss in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat, għax dehrilhom illi, iżjed milli preċiżazzjoni tal-interpretazzjoni ta' Salduz fid-dawl ta' Ibrahim, is-sentenza ta' Beuze hija kapo- volġiment ta' dik il-ġurisprudenza. Hu x'inhu, hijiex preċiżazzjoni, elaborazzjoni, evoluzzjoni jew kapovolġiment, din hija sa issa l-aħħar kelma, u tagħti raġun lill-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-ġuris- prudenza li segwiet is-sentenza ta' Muscat.*

*20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil- liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.'*

Fl-istess sentenza, il-Qorti qieset li kien hemm raguni tajba ghall-attur li ma thalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni u dan sabiex *issir controlled delivery* lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga. Ikkunsidrat li ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fic-cirkostanzi mmsemmija fl-artikolu 658 tal-Kodici Kriminali ghalkemm issa jghid li kien xurban u fis-sakra meta ghamel l-istqarrija. In oltre' kkunsidrat li l-istqarrija ma kinitx ir-raguni li wasslet ghal kundanna tal-attur izda li l-attur ammetta l-htija. Din l-ammissjoni saret fil-prezenza tal-Avukat wara konsulta mieghu u quddiem Magistrat li wissieh bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunita' li jiehodha lura. Il-Qorti kkonfermat li ma kien hemm ebda ksur tal-jedd tal-attur ghal smigh xieraq.

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **'Stephen Pirotta v. L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija'**[28] fejn il-Qorti wara li qieset gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja fis-Sezzjoni Maghquda, ikkunsidrat li:

[28] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Settembru, 2019 (Rikors kostituzzjonali numru: 13/2016 JRM)

*'Effettivament, dan ifisser illi – kontra dak li qalet l-ewwel qorti fis-silta miġjuba fuq – il-fatt waħdu li ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, u dik l-istqarrija ntużat fil-proċess, ma huwiex biżżejjed biex, ipso facto, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq: trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu ("having regard to the development of the proceedings as a whole").'*

Il-Qorti qieset li l-attur ma garrab ebda ksur tal-jedd tieghu taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Ikkunsidrat li:

*'Fil-każ tallum ma jista' jkun hemm ebda dell ta' dubju li l-attur kien ħati tal-imputazzjonijiet imressqa kontra tiegħu, kif wara kollox għarfet l- ewwel qorti stess. L-ewwel qorti għarfet ukoll illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali waslu għall-konklużjoni tal-ħtija tal-attur bis-saħħa ta' xiehda oħra barra l-istqarrija tiegħu. Meqjus il-proċess kriminali fl-intier tiegħu, ma jistax jingħad illi l-attur ma ngħatax smigħ xieraq: kellu għarfien tal- provi kollha mressqa kontrih u ma ntweriex li nżamm mistur xi tagħrif li kellha l-pulizija; kellu għajnuna ta' avukat waqt il-proċess quddiem il- qorti; kellu fakoltà jressaq xhieda u jagħmel konto-eżami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni; instab ħati bis-saħħa ta' xiehda oġġettiva li, ukoll jekk ma tqisx l-ammissjoni tiegħu, rabtitu mal-inċident u ma setgħetx tħalli dubju dwar il-ħtija tiegħu.'*

Fis-sentenza moghtija ricentement fl-ismijiet **'Farrugia vs. Malta'**[29] u reza finali fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem gie kkunsidrat li:

*'98. Prior to the recent Beuze judgment, in a number of cases, the Court found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009 and Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010). That same approach was followed by the Court in relation to the Maltese context in Borg (no.37537/13, 12 January 2016).*

*99. Subsequently, being confronted with a certain divergence in the approach to be followed in cases dealing with the right of access to a lawyer, the Court had occasion to further examine the matter in Ibrahim and Others, Simeonovi and more recently in Beuze, all cited above, where the Court departed from the principle set out in the preceding paragraph. In Beuze, the most recent authority on the matter, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall*

[29] Deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Gunju, 2019 (Applikazzjoni numru: 63041/13)

*fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them, as explained below.*

*(i) Concept of compelling reasons*

*100. The criterion of "compelling reasons" is a stringent one: having regard to the fundamental nature and importance of early access to legal advice, in particular at the suspect's first police interview, restrictions on access to a lawyer are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case. A finding of compelling reasons cannot stem from the mere existence of legislation precluding the presence of a lawyer. The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention (see Beuze, cited above, §§ 142-143).*

*(ii) The fairness of the proceedings as a whole and the relationship between the two stages of the test*

*101. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see Beuze, cited above, § 145).*

*102. The Court further emphasises that where access to a lawyer was delayed, and where the suspect was not notified of the right to legal assistance, the privilege against self-incrimination or the right to remain silent, it will be even more difficult for the Government to show that the proceedings as a whole were fair (ibid., § 146).*

*103. As the Court has already observed, subject to respect for the overall fairness of the proceedings, the conditions for the application of Article 6 §§ 1 and 3 (c) during police custody and the pre-trial proceedings will depend on the specific nature of those two phases and on the circumstances of the case (ibid., § 149).*

*(iii) Relevant factors for the overall fairness assessment*

*104. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account:*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150).'*

Fl-istess sentenza gie kkunsidrat ukoll li:

*'118. However, the nature of the statements and their use is of particular relevance in the present case. The Court notes that they did not contain any confessions nor was their content self-incriminating. However, the privilege against self-incrimination is not confined to actual confessions or to remarks which are directly incriminating; for statements to be regarded as self-incriminating it is sufficient for them to have substantially affected the accused's position (see, for example, Schmid-Laffer v.Switzerland, no. 41269/08, § 37, 16 June 2015). Indeed, the statements given by the applicant, at pre-trial stage in the absence of a lawyer, were relied on by the Court of Criminal Appeal in connection with the applicant's credibility. In particular, in its judgment the Court of Criminal Appeal had noted certain inconsistencies in his statements of 1 and 2 February 2002 (see paragraph 22 above) and it had considered that he was not reliable as the applicant had replied in an evasive and hesitant way to police questions concerning his business, profitability, rent, and profits of the previous year (see paragraph 26 above). Nevertheless, the Court cannot but note that the Court of Criminal Appeal had found that A.F.'s statements had been enough to determine the applicant's guilt. In consequence its assessment of the applicant's credibility on the basis of his pre-trial statements can be considered as having been made ex abundanti cautela (out of an abundance of caution). In the light of the Court of Criminal Appeal's finding concerning the sufficiency of A.F.'s statements, the Court considers that the use it made of the applicant's statements to assess his credibility cannot be considered as having substantially affected his position.*

*(iii) Conclusion*

*119. In conclusion, while very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.*

*120. There has therefore been no violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention.'*

Interessanti hija l-*joint dissenting opinion* tal-Imhallfin Serghides u Pinto de Albuquerque fejn fost kunsiderazzjonijiet ohra kkunsidraw li:

*'10. In any event, we are of the view that the right to a lawyer at the pre- trial stage does not hinge, in any way or form, on the state of vulnerability of the defendant. Nothing in the Convention makes the Article 6 § 3 (c) right dependent on such vulnerability. Such an abusive and restrictive interpretation of that right contradicts its essence. Every defendant, vulnerable or not, has a right, at the pre-trial stage, to a lawyer who will advise him or her on the defence strategy to be followed.*

*11. Secondly, the majority state that "The applicant did not allege, either before the domestic courts or before [the Court], that the Police had exerted any pressure on him, nor that the evidence obtained had been in violation of another Convention provision"[30].*

*12. We disagree with this argument. The fact that a defendant has not been pressured by the police does not limit his or her right to a lawyer. Legal assistance in a criminal procedure is indispensable not only to counter pressure by the police or any other evidence obtained in violation of the Convention, but to define a strategy for the defence and adapt it to every incident throughout the entire proceedings. The police are expected to act lawfully, regardless of the manner in which a defendant presents his or her defence, with or without the benefit of legal assistance. The one has simply nothing to do with the other. Lawful conduct by the police is not a valuable argument on which to restrict the exercise of a Convention right by the defence. Ultimately, this argument by the majority reflects a very restrictive conception of the role of the lawyer in criminal procedure.*

*13. Thirdly, the majority state that "in the present case, the applicant was informed repeatedly in a sufficiently explicit manner of his right to remain silent and the privilege against self-incrimination"[31].*

*14. Again, we cannot accept this argument. The right to remain silent is not interchangeable*

---

[30] § 111 of the present judgment. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata hmistax (15) fil-*joint dissenting opinion* tas-sentenza citata)

[31] § 112 of the present judgment. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sittax (16) fil-*joint dissenting opinion* tas-sentenza citata)

*with the right to a lawyer. These are two very different rights. Legal assistance at the pre-trial stage of a criminal procedure is essential to inform the defendant of the advantages and disadvantages, from the perspective of the defence strategy, of speaking out or remaining silent. In other words, the right to a lawyer is instrumental in effective protection of the right to remain silent (and of the privilege against self-incrimination).*

*15. In short, the fact that the applicant was informed of his right to remain silent if he so desired and the fact that the applicant did not claim that any pressure was exerted on him have nothing to do with his procedural right under Article 6 § 3 (c) of the Convention to have access to a lawyer. Those facts are irrelevant for the purpose of curing the breach of this right. In our view, it is a fundamental mistake at stage two not to take seriously into account the finding of stage one, especially when the test applied should be a very strict scrutiny*[32]*. Otherwise, what is the point of having two stages!?*'

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti mhijiex sejra tqis jekk kienx hemm lezjoni tad-dritt fundamentali tal-appellant ghal smiegh xieraq u dan stante li ma hijiex fil-kompetenza ta' din il-Qorti biex tqis dan. Dak li trid tiddeciedi din il-Qorti huwa jekk l-istqarrija tal-appellant hijiex prova ammissibli tenut kont tal-fatt li l-akkuzat ma nghatax id-dritt li jikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija u lanqas li jkun assistit b'Avukat matul it-tehid taghha.

Din il-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghas-sentenza deciza ricentement fl-ismijiet **'Graziella Attard v. Avukat Ġenerali'**[33] fejn il-Qorti Kostituzzjonali qieset li:

'*10. Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il- qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Gunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Generali*[34]*, illi ma jkunx għaqli –*

[32] § 108 of the present judgment. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sbatax (17) fil-*joint dissenting opinion* tas-sentenza citata)

[33] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Settembru, 2019 (Rikors mahluf numru: 83/2016 LSO)

[34] Rik. kost. 74/2014. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sitta (6) fis-sentenza citata.)

*partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta'* *<u>Borg</u>* *u f'dak ta'* *<u>Beuze</u>* *– illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil- produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*

*11. Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Generali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għand- hiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha.'*

L-istess Qorti qieset li:

*'18. Il-qorti tqis illi l-ordni li l-istqarrija titneħħa mill-inkartament, aktar milli rimedju għal ksur li, wara kollox, għadu ma seħħx, huwa garanzija tal- integrità tal-proċess u wkoll fl-interess pubbliku, biex ma jiġrix l- proċess kontra l-attriċi jkollu jitħassar wara li jintemm, b'ħela ta' ħin u riżorsi, li tkun forma oħra ta' inġustizzja għax il-liġijiet għandhom iħarsu mhux biss lil min hu mixli b'reat iżda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.*

*19. Il-qorti għalhekk terġa' ttenni li ma jkunx għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali, u għal din ir-raġuni tiċħad ukoll dan l-aħħar aggravju.'*

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza deciza ricentement fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija Vs Victor Falzon'</u>**[35] fejn dwar stqarrija rilaxxata ferm qabel Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) gie kkunsidrat li:

*'Illi allura hija il-fehma ta' din il-Qorti illi kull dikjarazzjoni u/jew stqarrija maghmula mill-appellant wara l-arrest tieghu u meta kien qed jigi interrogat mill- pulizija kellhom jigu skartati gjaldarba dawn id-dikjarazzjoni gew mehuda meta huwa ma kienx kiseb parir legali u wisq anqas kien debitament assistit sabiex finalment dawn l-istqarrijiet kellhom piz fuq il-kredibbilita' tieghu meta l-Ewwel Qorti giet biex twiezen jekk dak mistqarr minnu kienx verosimili.'*

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza deciza ricentement fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Daniel Lanzon iben Alexander, imwieled Pieta' fit-30 ta' Settembru, 1985, detentur tal-karta ta' l- identita' numru 567485(M) U Joseph Zaffarese iben Simon,</u>**

[35] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Jannar, 2020 (Appell Numru: 450/2015)

**imwieled Cospicua, fil-11 ta' Jannar, 1974, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 102274(M)**'[36] fejn dwar stqarrijiet rilaxxati ferm qabel Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) gie kkunsidrat li:

'*Illi allura l-Qorti qatt ma tista' taqbel mat-test maghmul mill-Ewwel Qorti meta qieset dawn l-istqarrijiet bhala prova ammissibbli unikament abbazi tat-test tal- vulnerabbilita', billi dan wahdu certament qatt ma jista' jirrendi l-istqarrija inkriminatorja bhala wahda mhux leziva tad-dritt sancit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u dan meta l-kaz jistrieh unikament fuq din il-prova. Illi gjaldarba allura l-prosekuzzjoni ma irnexxilhiex teghleb it-test li kien hemm 'l hekk imsejjha "compelling reasons" biex l- assistenza legali tigi mcahhda, u lanqas ghelbet it-test tal-"overall fairness of the proceedings", kwindi l-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tiskarta din il-prova maghmula permezz tal-istqarrijiet rilaxxjati mill-appellanti lil pulizija bhala prova inammissibbli billi leziva tad-dritt tal-appellanti ghal smigh xieraq, gjaldarba giet rilaxxjata meta l-appellanti kienu imcahhda mid-dritt ghall-assistenza legali fil-mument determinanti meta irrinunjaw ghad-dritt li taghtihom il-ligi li izommu s-silenzju u ma jinkriminawx rwiehom b'dak mistqarr minnhom.*'

Illi bis-sahha tat-trasposizzjoni tad-'*Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta*' *Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal- libertà*' fil-Ligi ta' Malta li sehhet snin twal wara li l-akkuzat irrilaxxa l-istqarrija tieghu, kien hemm tibdil sostanzjali f'dak li d-dritt ta' access ghal Avukat fi proceduri Kriminali kien jinkludi. L-artikolu 3 ta' din id-Direttiva jipprovdi:

***'Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali***

*1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u akkużati jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat f'ħin u b'mod li l-persuni konċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw d-drittijiet tagħhom ta' difiża b'mod prattiku u b'mod effettiv.*

*2. Il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed. Fi kwalunkwe każ, il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mill-mument l-aktar qrib minn dawn li ġejjin:*

[36] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Jannar, 2020 (Appelli numri: 69/2014 u 79/2014)

*(a) qabel ma jiġu interrogati mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja;*

*(b) mat-twettiq minn awtorità ta' investigazzjoni jew awtorità kompetenti oħra ta' att investigattivi jew att ieħor ta' ġbir ta' provi skont il-punt (c) tal-paragrafu 3;*

*(c) mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-libertà;*

*(d) fejn ġew imħarrka biex jidhru quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, fi żmien debitu qabel ma jidhru quddiem dik il-qorti.*

*3. Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat għandu jimplika dan li ġej:*

*(a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li tiltaqa' fil-privat u tikkomunika mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż qabel interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;*

*(b)* ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv meta hija tiġi interrogata. Tali parteċipazzjoni għandha tkun konformi mal-proċeduri taħt il-liġi nazzjonali, dment li tali proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-dritt konċernat. Fejn avukat jipparteċipa matul interrogazzjoni, il-fatt li saret tali parteċipazzjoni għandu jiġi rreġistrat bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru konċernat;***

*(c) għandhom, minn tal-inqas, ikollhom id-dritt li l-avukat tagħhom jattendi għall-avvenimenti investigattivi jew l-attita' ġbir ta' provi li ġejjin,fejn dawk l-atti huma previsti fil-liġi nazzjonali u jekk il-persuna suspettata jew akkużata hija meħtieġa jew permessa li tattendi l-att konċernat:*

*(i) ringieli ta' persuni għall-identifikazzjoni;*

*(ii) konfrontazzjonijiet;*

*(iii) rikostruzzjonijiet sperimentali tax-xena tar-reat kriminali.*

*4. L-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jagħmlu l-informazzjoni ġenerali disponibbli biex jagħmluha faċli għall- persuni suspettati jew akkużati li jsibu avukat.*

*Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar il-preżenza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l- arranġamenti meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati li jinċaħdu mil-libertà tagħhom ikunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom ta' aċċess għas- servizzi ta' avukat, sakemm ma jkunux irrinunzjaw dak id- dritt f'konformità mal-Artikolu 9.*

*5. Huwa f'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il- kawża li l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tal-punt (c) tal-paragrafu 2 fejn id-distanza ġeografikament 'il bogħod ta' persuna suspettata jew akkużata tagħmilha impossibbli li jiġi żgurat id-dritt ta' aċċess għas- servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed wara li persuna tkun inċaħdet mil-libertà tagħha.*

*6. F'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il- kawża, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tad-drittijiet previsti fil-paragrafu 3 sakemm dan ikun iġġustifikat fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, abbażi ta' waħda mir-raġunijiet konvinċenti li ġejjin:*

*(a) fejn hemm ħtieġa urġenti li jkunu evitati konsegwenzi negattivi serji għall-ħajja, il-libertà jew l-integrità fiżika ta' persuna;*

*(b) fejn l-azzjoni immedjata mill-awtoritajiet investigattivi tkun essenzjali biex jiġu evitati li l-proċedimenti kriminali jiġu pperikolati b'mod sostanzjali.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Prezentament, is-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 355AUA tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu s-segwenti:

'*(1) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għal avukat fil-ħin u b'tali mod li jħalliha teżerċita d-drittijiet ta' difiża tagħha b'mod prattiku u effettiv.*

*(2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:*

*(a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali;*

*(b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is-subartikolu (8)(e);*

*(ċ) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà;*

*(d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti ligħandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti.'*

Filwaqt li l-artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta umbghad jaqra:

*'Id-dritt ta' aċċess għal avukat għandu jfisser dan li ġej:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkużata, jekk tkun għażlet li teżerċita d-dritt tagħha għall-assistenza legali, u l-avukat tagħha, għandhom ikunu infurmati bl-allegat reat li għalih il-persuna suspettata jew akkużata ser tkun interrogata. Dik l-informazzjoni għandha tingħata lill-persuna suspettata jew akkużata qabel ma tibda l-interrogazzjoni, liema ħin m'għandux ikun inqas minn siegħa qabel ma tibda l-interrogazzjoni;*

*(b) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li tiltaqa' u tikkomunika fil-privat mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż interrogazzjoni minn qabel mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;*

***(ċ) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni. Dik il-parteċipazzjoni tista' tiġi regolata skont proċeduri li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jistabbilixxi permezz ta' regolamenti, hekk iżda li dawk il-proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza ta' dak id-dritt konċernat. Meta avukat jipparteċipa fl-interrogazzjoni, il-fatt li kien hemm dik il-parteċipazzjoni għandu jkun irreġistrat permezz tal-użu fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli ta' mezzi awdjoviżwali skont il-paragrafu (d):***

*Iżda d-dritt tal-avukat li jipparteċipa b'mod effettiv ma għandux jinftiehem bħala dritt tal-avukat li jostakola l- interrogazzjoni jew li jissuġġerixxi tweġibiet jew reazzjonijiet oħra għall-interrogazzjoni u kull mistoqsija jew rimarka oħra mill-avukat għandha, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, issir wara li l-Pulizija Eżekuttiva jew awtorità oħra investigattiva jew awtorità ġudizzjarja jkunu ddikjaraw li ma għandhomx aktar mistoqsijiet;*

*(d) l-interrogazzjoni, it-tweġibiet kollha li jingħataw għaliha u l-proċeduri kollha relatati mal-interrogazzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata, għandhom fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli jkunu rrekordjati b'mezzi awdjoviżwali u f'dak il-każ għandha tingħata kopja tagħhom lill-persuna suspettata jew akkużata wara li tkun intemmet l-*

*interrogazzjoni. Kwalunkwe recording għandu jkun ammissibbli bħala prova, sakemm il-persuna suspettata jew akkużata ma tallegax u ma tagħtix prova li r-recording mhuwiex ir-recording oriġinali u li dan ġie mbagħbas. M'hemmx għalfejn issir traskrizzjoni tar-recording meta tkun użata fi proċeduri fil-qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni kriminali, lanqas ma hemm bżonn tal-firma tal-persuna suspettata jew akkużata f'dikjarazzjoni bil-miktub li tkun saret wara l-konklużjoni tal-interrogazzjoni ġaladarba l-mistoqsijiet u t-tweġibiet kollha, jekk hemm, ikunu ġew irrekordjati fuq mezzi awdjoviżwali;*

*(e) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jattendi għall-atti investigattivi jew ġbir ta' evidenza jekk il-persuna suspettata jew akkużata jeħtiġilha jew ġiet permessa li tattendi għall-att konċernat:*

*(i) ringiela ta' persuni suspettati għal finijiet ta'identifikazzjoni;*

*(ii) konfrontazzjonijiet;*

*(iii) rikostruzzjonijiet tax-xena tad-delitt.* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Din il-Qorti filwaqt li bl-ebda mod ma hija tqis li gie lez id-dritt tal-appellant ghal smiegh xieraq, qieghda abbazi tal-fatt li l-istqarrija tal-appellant rilaxxata fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) li tinsab a fol 13 et sequitur giet rilaxxata minghajr ma nghata d-dritt sabiex jikonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija u lanqas ma nghata d-dritt li jkollu Avukat matul it-tehid tal-istqarrija u dan tenut kont tal-fatt li l-ligi dak iz-zmien ma kinitx taghti tali drittijiet, tikkunsidra din l-istqarrija bhala prova inammissibli u ghalhekk kwalunkwe referenza ghal kontenut ta' din l-istqarrija kif ukoll ghal kwalunkwe haga li l-appellant setgha qal matul l-investigazzjoni minghajr il-prezenza tal-Avukat bhala inammissibli.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis il-provi mressqa sabiex din il-Qorti tiddetermina jekk gewx ippruvati l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-appellant. L-ewwel imputazzjoni u cioe' dik bl-ittra 'a' taqra:

*'forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza, dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuna/i jew ghal persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi*

*(G.N.292/1939), jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma' kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-6 taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew fjorni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicinii Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.*'

Din il-Qorti sabiex tqis jekk il-Prosekuzzjoni irnexxieliex tiprova din l-imputazzjoni sejra *in succint* taghmel referenza ghal uhud mill-provi mressqa. Is-Supretendent Neil Harrison fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006) xehed li lejn Settembru tal-elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) kienu rcevew informazzjoni li certu Charles Spiteri li joqghod '*Blk D, Flt 1, Triq il-Berta Cage*' ta' Giorni kien involut fi traffikar tad-droga. Fit-tletin (30) ta' Settembru tal-elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) ghamlu operazzjoni fejn kellhom persuna li kienet qed tosserva r-residenza tal-imputat kif ukoll units ohra li kienu fil-vicinanzi. L-informazzjoni li rcevew kienet li peress li f'Lulju/Awissu kien gie arrestat Mario Camilleri bhala l-imniehru, l-informazzjoni li kellhom kien li l-imputat kien ha hafna mix-xoghol tieghu fejn jirrigwarda it-traffikar tal-kokaina u li rrizultalhom li kien qed juza runner biex ibieghlu d-droga u cioe' Karl Muscat. Minn sorveljanza li ghamlu, irrizulta li dan Karl Muscat kien qed imur hafna ir-residenza tal-imputat u jitlaq ftit tal-hin wara u kienu ssuspettaw li daqs tant id-droga qed tinzamm fir-residenza tal-imputat. Fit-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) ghal habta tat-tmienja ta' filghaxija (8:00pm) PC 10 osserva Maurice Marina tieqaf barra r-residenza ta' Spiteri u telqet mill-area ftit tal-hin wara. Intercettaw din l-Maurice Marina fit-telgha kif titla' Regional Road mit-telgha li hemm hdejn il-Malta Independent fejn it-trafffic lights tar-Regional road u intercettawh hemm. Qabel waqfuha PC 10 osserva l-passigier li kien fil-karozza Christopher Xerri jarmi qartas li wara rrizulta li kien fiha trab kannella suspetta droga Eroina. Il-persuni li kienu go fiha, l-passiggier Christopher Xerri u x-xufier Noel Buhagiar gew arrestati ghal aktar stharrig. PC 10 li kien qed josseevra infurmahom li Carl Muscat li kien bil-Maruti kien se jitlaq minn fuq il-post. PC 1 kien segwieh izda tilfu u xi hmistax-il minuta wara PC 10 rega osserva lil Karl Muscat jasal fuq il-post bil-Maruti u rega kkonferma li telaq bil-Maruti. Is-Supretendent Neil

Harrison jghid li kien hdejn il-Malta Indepenent, intercettaw il-Maruti u kien hemm it-tifla tas-Sur Spiteri, Daniela Spiteri. Sabu zewg qratas tal-grama suspettati li kienu kokaina. Saret *raid* fir-residenza tas-Sur Spiteri fejn instabu karti identici ghal dawk li kien fihom tracci ta' kokaina u li instabu fil-pussess ta' Karl Muscat fil-vettura tieghu. Instabu seba' cekkijiet l-ammont totali huwa ta' erba' mija u tmenin lira li kienu mahrugin minn certu George Bonello. Instabu ukoll aktar minn sitt' elef lira (LM6000) flus cash kif ukoll xi flus barranin u salib ta' lewn isfar suspettat deheb. Dawn gew elevati. Spjega li barra jigifieri fl-apert pero' *within* ir-residenza tieghu jigifieri fid-drive way '*Hemm hekk fost hafna flixkien instab vazettt jekk m'hiniex sejjer zball tal-Bovril*' Jghid li ghandu impressjoni li kien fih madwar hamsin (50) gramma kokaina go fih. Kien taht is-sigra tal-fikus. Kellu xi tape, surgical tape fir-residenza tieghu li huwa identiku ghal dak li instab imdawwar mal-vazzett li kien fih madwar hamsin (50) gramma kokaina. Noel Buhagiar li kien fil-Maurice Marina qal li kien xtara madwar tlett grammi kokaina minghand Charles Spiteri dak in-nhar stess ftit qabel twaqqaf mill-Pulizija qal li gieli xtara minghand il-habib ta' Spiteri li rrizulta li huwa Karl Muscat. Kull darba kien ihallas erbghin lira (LM40) kull gramma u qal li f'gimgha partikolari kien nefaq b'elf u mitejn lira (LM1,200) kokaina minghand Spiteri. F'okkazjoni ohra qal li peress li ma kellux flus biex ihallsu kien tah gizirana tad-deheb b'salib tad-deheb. Dwar l-eroina qal li xtara minghand haddiehor. Kellmu ukoll lil Christopher Spiteri il-persuna li l-Pulizija ratu jarmi il-qartas bl-eroina u qal li huwa habib ta' Noel Buhagiar '*u qal li hafna drabi kien Noel Buhagiar meta huma xtraw id-droga minghand l-imputat.*' Huwa ikkolabora il-verzjoni li ta' Buhagiar lil Pulizija. Kelmu lil Karl Henridge Muscat li qal li huwa kien ilu jbiegh id-droga kokaina ghal dawn l-ahhar xahar u nofs. Gieli kienu icemplu lilu direttament fuq il-mobile u gieli kienu jcemplu lil Charles Spiteri fuq il-mobile tieghu u Spiteri jghidlu fejn ghandu jmur jaqdi l-kokaina. Xehed li Spiteri, Christopher Xerri u Noel Buhagiar ikkonfermaw l-istqarrija taghhom bil-gurament. Spjega ukoll li sakemm kienu qeghdin jaghmlu tfittxija fir-residenza tal-imputat PC 10 kellu istruzzjonijiet minghandu biex jirrispondi it-telefon jew mobile phone tal-imputat li sabu fit-residenza tieghu li beda jdoqq hafna. Wiehed identifika ruhu bhala Pawlu u qal li qed jiekol Peppinos San Giljan. Spjega li '*PC 10 fuq instruzzjonijiet tieghi qallu lil min kien qed icempel li identifika ruhu bhala Pawlu qallu li huwa ma setghax jigi jaqdih huwa ghad-droga ghax minn cempel saqsa ghad droga qallu pero' se jibghat lil wiehed b'mutur biex jaqdih, b'mutur ahmar minn dak li nsibuh tal-partal, fil-fatt dan il-mutur, hu kien tal-Pulizija dak iz-*

*zmein, kien mutur pajzan u mar PC 10 stess bil-helmet fejn Pepinos, San Giljan, St. George's Road jekk mhiniex sejjer zbaljat 'il fuq mll-ghassa.*' Mar ukoll ma' Pulizija fl-inhawi fejn jara lil PC10 u l-persuna l-ohra. Kien fl-area ma ex PS 1052 u f'hin minnom raw persuna tavicina lil PC 10 marret fuqu kelmitu, jidhirlu li saqsietu jekk baghtux Charlie u PC 10 dak il-hin arrrestah. Dan irrizulta li kien Paul Caruana. Huwa cahad li cempel fuq in-numru 09420217 pero' meta ex PS 1052 iccekja l-mobile ta' Paul Caruana li kellu f'idu irrizulta li l-ahhar telefonata kienet ghal 09420217 pero' Paul Caruana xorta baqa jichad li kien cempillu. Aktar tard ghamel tfittxija fil-vettura ta' Paul Caruana u sabu joint tal-cannabis. Spjega li peress li fit-tfitxxija kienu sabu seba' cekkijiet li jammontaw ghal erba mija u tmenin lira (LM480) u dawn kienu mahruga minn certu George Bonello, kien investiga lil George Bonello peress li huma jafuh li abbuza mid-droga. Huwa qal li kien jixtri d-droga minghand Spiteri u kien ihallsu permezz tac-cekkijiet li sabu fir-residenza ta' Spiteri.

PC 682 Michael Cutajar fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006) spjega li fit-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) ghal habta tas-sitta' ta' filghaxija (6:00pm) fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Aquilina u l-Ispettur Harrison kellhom struzzjonijiet biex imorru fil-vicinanza ta' Charlie Spiteri fi Blk D, Triq Bera K2G, marru u ghamlu xi hin fimkien ma' PS 564 u PC 1057. Marru fir-residenza ta' Charlie Spiteri u saret tfittxija fuq il-persuna tieghu fejn gew elevati LM638 flus Maltin, mitt elf taljani (100,000) u salib tad-deheb. Saret tfittxija id-dar u mill-kcina gew elevati magazines, newspapers, graph copy book, bicciet ta' graph copy book, borza tal-plastik li kien fiha tracci ta' trab abjad, zewg mobile phones, wiehed vodafone u iehor nokia u biljetti tal-karti tal-loghob illegali. F'unit tat-television gew elevati LM29.50, mill-kamra tas-sodda kien hemm kaxxa hamra li kien fiha affarijiet li jirrikjedu tal-banek kif ukoll '*xi sebgha (7) cekkijiet ta' four hundred, eighty pound (LM480) 'il wiehed G. Bonello.*'[37] Jghid li kien hemm ukoll '*Xi speci five thousand, two hundred (LM5200) maltin, xi five thousand, two hundred, ten (LM5,210) jekk niftakar sewwa u xi elfejn dollaru (2,000) amerikan.*' Dawn gew elevati fil-prezenza tax-xhud. Hargu minn bieb tal-aluminium li tigi ghal front garden tieghu u PC579 eleva flixkun bovril li kien issigillat bis-surgical tape u bicca graph paper. Dawn ukoll gew elevati. Il-bott tal-bovril instab

[37] Mix-xhieda tas-Suprintendent Neil Harrison moghtija fit-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006) *'Instabu seba' (7) cekkijiet l-ammont totali huwa ta' erba' mija u tmenin lira (LM480) li kienu inhargu minn account ta' certu George Bonello'.*

wara l-fikus '*within ir-residenza tieghu*' fuq barra pero mhux fit-triq. Kien hemm qisha dahla u bieb tal-aluminium.

PC 138 Joseph Portelli xehed fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006) fejn spjega dwar it-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) fejn kienu waqfu vettura Maurice Marina misjuqa minn Noel Buhagair u bhala passigier kien hemm Chris Xerri. Fil-hin li kienu qeghdin javvicinaw il-vettura nnutaw lil Chris Xerri jarmi xi haga mit-tieqa li rrizulta li kien pakkett li kien fih trab kannella suspettata droga. Ftit wara gew infurmati minn PC 10 sabiex iwaqfu vettura ohra u cioe' Maruti jeep misjuqa minn certu Carl Muscat u passigier kien hemm Daniela Spiteri. Wara li saret tfittxija fil-vettura, taht is-seat tax-xufier gew elavati zewg (2) qratas ohra li kien fihom trab abjad suspettata droga. Dawn gew mghoddja lis-Supretendent Harrison fuq il-post u marru fir-residenza tal-imputat u saret tfittxija. Hu ma dahalx fid-dar. Barra fil-bicca gnien zghir li kellu minn rokna li kien hemm hafna flixken mitluqin PS 579 sab vazett tal-hgieg jinghalaq li fih kien hemm borza bit-trab abjad suspettata droga li giet mghoddija lis-Supretendent Harrison fuq il-post. Huwa gharaf il-vazzett li jidher a fol 159. Dan instab fil-perimetru tad-dar.

PS 579 Antoine Micallef xehed fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005). Spjega li fit-tletin (30) ta' Settembru tal-elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) hu flimkien ma' membri tad-drug squad ghamlu tfittxija fir-residenza tal-imputat fejn mill-kcina kienet giet elevata kaxxa hamra li kien fiha flus li ghal ewwel ma kienx taghhom ic-cavetta u iktar tard tahielhom fejn imbaghad fuq barra fil-front garden waqt li kien qed ifittex kien eleva bott tal-bovril li go fih kien hemm borza bi trab abjad. Gew tal-forensika fuq il-post fejn gibdu ir-ritratti u elevawh. Dan kien f'Ta Giorni go flats tal-Gvern jghid li blk D kien isfel ghax kellu bieb ghalih qisu bil-front garden. Kien isfel nett u kellu bieb ghalih. Ikkonferma li l-imputat kien prezenti waqt it-tfittxija u waqt li kienu qed ifittxu hemm prova jigbdilhom l-attenzjoni li ried imur jaghtihom ic-cavetta ta' din il-kaxxa u qisu iktar gibdilhom l-attenzjoni li hemm xi haga mohbija iktar fis-sew. Mar gab ic-cavetta u ghadu jistennewh imbghad komplew ifittxu iktar sew u instab bott tal-bovril qalb il-haxix u gebel. Dan gie fotografat.

PC 579 Antoine Micallef rega xehed fis-seduta tad-disgha (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007) dwar it-tfittxija li saret fit-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) fir-residenza ta' Charlie Spiteri fejn fost affarijiet ohra gie elevat

vazzett tal-bovril. Huwa xehed dwar ritratti li ttiehdu mis-SOCOs. In kontro-ezami kkonferma li l-akkuzat joqghod ta' Giorni housing estate, ghandu bieb ghalih izda block ta' flats jigi. Huwa ma jiftakarx jekk kif tidhol hemm bibien fejn anke joqghodu terzi. Il-bott tal-bovril ma kienx vizibli. PC 10 Trevor Cassar Mallia fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005) spjega li fit-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) kien baghtu is-Sur Neil Harrison josserva Triq Bertha Quay Ta' Giorni u r-residenza tal-imputat. Spjega li ghal xi t-tmienja giet Morris Marina hadra u kien qabad il-unit li kienet fuq il-post u qalilhom biex imorru fuqha. Il-unit marru fuqha u ftit wara harget Maruti Gipsy numru KAK-091 u baghat il-unit fuqha wkoll. Ftit wara kien hemm l-imputat qieghed gewwa u l-units u taw ir-raid fir-residenza. Kien prezenti fit-tfittxija u jghid li fil-front garden fil-hamrija PC 579 kien eleva bott tal-bovril li kien fiha xi sustanza bajda suspettata kokaina. Kien ircieva ukoll telefonata minn fuq ic-cellulari tal-imputat fejn kien cempel wiehed Paul Caruana fejn kienu waqfuh San Giljan fejn is-San Guliano u gie arrestat minn hemm hekk u kienu ghaddewh lis-Sur Neil Harrison ghal iktar investigazzjoni. Dwar ir-residenza tal-imputat, spjega li hemm drive in u qieghed kantuniera. Spjega li huwa flat isfel fi blokk ta' flats tal-Gvern u ghandu l-bieb tieghu apparti. Ikkonferma li l-imputat kien prezenti l-hin kollu waqt it-tfittxija. PC 10 Trevor Cassar Mallia fis-seduta tad-disgha (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007) spjega li kien qieghed josserva lil PC 579 fejn ghandu qisha drive-in qabel ma tidhol ghal isfel tieghu u fuq l-lemin kien hemm qisha gardina bil-hamrija u taht xi sigra PC 579 kien eleva bott tal-Bovril, eleva minn hemm u fil-bott kien hemm basket tal-plastic b'xi trab abjad. In kontro-ezami qal li ma fetahx il-bott tal-bovril quddiem l-akkuzat u ma jidhirlux li ra lis-Surgent jifthu quddiem l-imputat, minghalih meta gew tal-Forensika infetah. Huwa ma rahx jinfetah il-bott. Jghid li sar jaf x'kien fih izda ma kienx hemm meta infetah. Mistoqsi jekk fl-ebda hin ma rah il-bott jigi muri lill-akkuzat wiegeb li le ra lil PC 579 hiereg bil-bott minn wara qisha bicca sigra. Jahseb li l-akkuzat kien qieghed maghhom fid-drive in, mhux cert.

EX PS 1052 Paul Scerri xehed fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007) fejn qal li kien stazzjonat Drug Squad. Huwa xehed dwar ir-raid fuq Carmelo Spiteri f'Ta' Giorni. Spjega li sewwieq ta' marina kien hemm Noel Buhagair u passigier mieghu kien hemm Christopher Scerri. Kienu waqfu karozza

Maruti li kien hemm Karl Muscat u Daniela. Aktar tard kienu waqfu lil Paul Caruana li apparentement kien cempel il-mobile ta' Charles Spiteri. Kienu sabu *joint* fl-ash tray u biljett tal-MIA parking ticket li kellu t-telecell number li jahseb li kien ta' Charles Spiteri.

Is-Supt Neville Aquilina xehed fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) fejn spjega li fit-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) hu flimkien mal-Ispettur Neil Harrison u membri ohra tat-taqsima tad-Drug Squad kienu ghamlu tfittxija fir-residenza ta' Carmelo Spiteri. Saret tfittxija fir-residenza u quddiem il-bieb fil-parapett taht il-haxix kienu sabu vazzett tal-bovril, vazett imdaqqas li go fih kien jidher li kien hemm xi sustanza. L-imputat kien prezenti l'hin kollu waqt it-tfittxija li saret fir-residenza. Giet prezentata r-relazzjoni tas-Scene of Crime Officers PC 1261 Charles Pace u PC 612 Theo Vella a fol 115 flimkien ma sett ta' ritratti f'envelop a fol 159 fejn fost affarijiet ohra hemm ritratti ta' dan il-bott tal-bovril.

Xhud principali f'dawn il-proceduri huwa George Bonello li xehed fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006) fejn gharaf l-imputat u ikkonferma li c-cekkijiet kienu bhala hlas ta' kokaina. Ma ftakarx jekk kienx imur id-dar tieghu jew jigi jaqdih hu u lanqas kif kien jaghmel biex jixtriha. Huwa kkonferma li gieli kien jixtri minghand persuni ohra. Jghid li jiftakar li l-imputat joqghod fl-*outskirts* ta' San Giljan f'Housing Estate ghalkemm ma jafx jasal ghalih izda ma ftakarx f'liema sular huwa il-post. Ma ftakarx kemm dam jixtri minghandu u lanqas kien cert jekk gieli hallsu cash jew jekk bic-cekkijiet biss hallas. Fit-traskrizzjoni tax-xhieda hemm imnizzel li l-Qorti qalet '*Mela lis-Supretendent Neil Harrison ghadu kemm grali d-deposizzjoni guramentata li jiena irrilaxxjajt u tinstab a fol. sebgha u sebghin (77) u tmienja u sebghin (78) tal-process. Jiena nikkonferma x-xhieda tieghi li jiena kont tajtu dak in nhar, nikkonfermha llum kif ukoll jien nikkonferma illi il-firem li hemm fuq dan id-dokument ta' zewg (2) faccati huma l-firem tieghi.*'[38]

Din il-Qorti sejra ghalhekk taghmel referenza ghall-istqarrija rilaxxata minn George Bonello datata t-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) li tinsab a fol 77 u 78 fejn fost mistoqsijiet ohra, mistoqsi '*F'dawn l-ahhar gimghat inti kont qed tigi osservat tiltaqa ma' certu Chalie Spiteri kemm hdejn ir-residenza tieghu u kif ukoll anke fl-inhawi tad-dar tieghek. Dak ghalfejn kont tmur u tiltaqa mieghu?*' wiegeb '*Bdejt nixtri l-*

[38] A fol 77 u 78 hemm l-istqarrija ta' George Bonello rilaxxata fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) filwaqt li din l-istqarrija giet ikkonfermata bil-gurament fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) a fol 80.

*kokajina minghandu minn xi tlett gimghat l-hawn. Jiena b'kollox inqdejt minghandu f'sitt okkazzjonijiet. Jiena gieli mort ghandu il-flat tieghu f'Ta Giorni pero kien hemm aktar okkazzjonijiet fejn gie hu hdejn id-dar tieghi go Howard Street, Sliema. Generalment kont nixtri gramma kokajina, pero gieli xtrajt anke 2 grammi f'daqqa. Sa fejn niftakar jiena dejjem hallastu f'cheques. Pero jista jkun li kien hemm xi okkazzjonijiet fejn jiena hallastu 'cash'. Hu kien ibiegha bil-prezz ta' LM40 il-gramma.'* Mistoqsi dwar cekkijiet mahrugin mill-kont ta' G.A. Bonello wiegeb li '*Dawk huma c-cheques' li semmejt qabel, u li huma hlas ghad-droga kokajina. Sa fejn niftakar jiena ma' kienx hemm aktar cheques. Pero gieli hallstu cash.*' Spjega li kien icempillu fuq mobile number bin-numru 09420217 u kienu jiftehmu, jew imur hu jew jigi hu. Qal li gieli kienu jiltaqghu Dingli Street, Sliema u '*hu kien jigi b'karozza van zghir, u hija l-istess vettura li qed naghraf fil-bitha tad-depot illum li hija Fiesta Bajda bin-numru JAB 792 u fuq il-genb ghandha miktub 'Motorsport'. Meta kont immur ghandu jiena kont immur Ta' Giorni, fl-inhawi tal-flats tal-Gvern li qedghien faccata tal-iskola, tal-Gharab, Dejjem hu personali qdieni. Hu qatt ma dahal gahndi u lanqs jiena qatt ma' dhalt ghandu..*'. Meta tela jixhed  Brian Farrugia bhala legal officer fil-Licensing and Testing Directorate fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha (2007) huwa xehed li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAB 792 mis-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u sitta u disghin (1996) kienet registrata fuq Duminku Demicoli u umbaghad giet trasferita fis-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u dishin (1997) fuq Birkirkara Auto Dealar. Jghid li l-vettura jekk mhux sejjer zball Ford. Ghalhekk minkejja li George Bonello jghid li l-appellant kien juza din il-vettura, ma jirrizultax li din il-vettura kienet registrata f'isem l-appellant f'dak iz-zmien.

Jirrizulta li fil-kawza kontra George Bonello u senjatament fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) George Bonello li kien assistit minn Dr Borg Cole kien ammetta  l-akkuza dedotta kontra tieghu u kien anke xehed skont kif jirrizulta a fol 80 u kkonferma l-istqarrija kif ukoll d-dokument S2 bhala ritratt tal-persuna li identifika bhala li xtara d-droga minghandha.

George Bonello kien anke xehed fis-seduta tal-hdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) in kontro-ezami fejn huwa gie mistoqsi  dwar l-interrogazzjoni u kkonferma li qatt ma ghajtu mieghu u lanqas li spjegawlu dwar xi beneficcju li jista jiehu jekk jghin lil Pulizija.  Ikkonferma li gieli kellu kawzi ta' droga il-Qorti.  Mistoqsi ghalfejn kien ihallas lis-supplier tad-droga b'cekkijiet wiegeb '*Mhux pagament.*' Lil

suppliers tad-droga ohra gieli kien ihallashom b'cekkijiet ukoll. Ma jidhirlux li semma suppliers ohra lis-Sur Harrison. Cahad li ta cekkijiet lil imputat biex isarraflu fuq l-idejn. Ma jiftakarx insablux droga fuqu meta kellmu s-Sur Harrison. It-tifla tal-imputat jiftakarha '*vaguely*', kienet xi teenager. Kien restrawratur tal-pitturi fl-elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) u ghadu. Ma jiftakarx kemm kien jixtri regolari minghand is-Sur Spiteri. Xehed li kellu *addiction* mhux hazin u kien anke ghamel program residenzjali. Spjega li hu joqghod Dingli Street u li fejn hemm l-iskola tal-Gharab, *outskirts* ta' San Giljan joqghod is-Sur Spiteri. Minn dawk iz-zewg nahat kien jinqeda. In ri-ezami fost affarijiet ohra qal li kien icempillu biex jinqeda u kien imur bil-karozza tieghu biex jinqeda.

Mill-atti jirrizulta li Paul Caruana li xehed fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha (2007) li kien qieghed jiekol Peppinos restaurant fit-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) cahad l-involviment tieghu fit-tentatitv ghal xieri ta' droga. Filfatt ma ftakarx li kien cempel lil xi hadd. Jghid li jista' jkun li xi hadd uza t-telefon tieghu. Joseph Mallia li ukoll xehed fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha (2007) ikkonferma li kien gie arrestat fit-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elf disa mija u sebgha u disghin (1997) meta kien ma Paul Caruana. Jghid li l-Pulizija ma sabulu xejn u lanqas ma ra li Paul Caruana jcempel mill-mobile tieghu.

Noel Buhagiar xehed fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) fejn ikkonferma li kien arrestat fit-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997). Kien ma Chris Scerri. Jghid li ghandikun sabulu eroina fuqu. Kien iltaqa ma xi hadd xi mkien lejn San Gwann, jghid li ghandikun hemm xi wied, ma jafx kienx hemm skola tal-Gharab. Kien iltaqa ma ragel barra fit-triq u minghalih hallas xi LM20 izda ma jafx ezatt u xtara l-eroina. Jghid li kull ma kellu nefaq fid-droga. Huwa ma gharfux fl-awla. Hu kien hallas ghad-droga, jghid li Chris ma kellux x'jaqsam. Mistoqsi dwar minn fejn xtara d-droga jekk ta' Giorni jghid li ghandikun hekk jghidulu hemm. Waqfu kif tela regional road. Chris Scerri li xehed fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009) ma ftakarx li kien arrestat fit-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997). Kien arrestat hafna drabi. Ma jiftakarx li gie arrestat minn San Giljan ghal San Gwann u lanqas li nsatabilhom xi haga. Jaf lil Noel Buhagiar kien ikun mieghu ibiegh

il-karozzi. Kellu xi Morris Marina dawk iz-zminijiet, ma jiftakarx li qatt kellu karozza hadra. Darba hu u Noel gew arrestati flimkien Haz-Zebbug izda minn San Giljan ma gewx arrestati.

Persuna ohra li giet arrestata dak in-nhar tat-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) kien Karl Muscat. Fl-istqarrija rilaxxata minn Karl Muscat fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) li tinstab fi-kopja tal-process tal-kawza kontra tieghu kien qal li gieli kien jibghatu jbiegh iz-ziju tieghu Charlie. Tnizzel li '*Il-bierah mort xi erbgha darbiet ghandu. l-aktar tard wara nofsinhar. Irrid nghid illi fil-hin li kont ghandu jiena qdejt lill zewg zaghzagh li gew il-flat ta' Chalie b'karozza Marina ta' kulur ahdar u li qed naghraf fid-depot illum...*' Jghid li taghhom pakkett kokaina u tawh Lm40. Il-flus kollha jigifieri l-LM40 taghhom lil Chalie. Spjega li meta kellu sa ghaxar grammi f'daqqa ghandu, dawn tahomlu Chalie ukoll, bil-LM35 il-gramma. Kien ihallsu wara li jbieghha kollha. Ilbierah bih gramma ghal LM38 lil wiehed l-Msida hdejn Mr Subs. Fost affrijiet ohra spjega li waqfuh il-puliizja ilbierah u kellu zewg pakketti li tefahom taht is-seat. Kienu pakketti li ghamel Chalie biex ibieghom dan Karl Muscat u zammhom fil-karrozza biex jekk icempillu xi hadd ikollu mill-ewwel fuqu. Qal li '*Hu kien izommli ix-xoghol tieghi (jigifieri d-droga), jew f'Thermos fil-kamra tal-banju jew meklla go bott tal-bovril li hu kien izomm mohbi barra d-dar go rokna taht sigra tal-ficus. Id-daqs tal-bovril kien ta' daqs tan-nofs.*' Spjega li lbierah Charlie biegh gramma wahda kokajina. Skont ma jirrizulta mill-kopja tal-atti prezentati, Karl Muscat kien anke xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) fejn fost dettalji inkriminanti anke fil-konfront tal-imputat, kien ikkonferma l-istqarrija rilaxxata minnu. Jirrizulta izda li meta dan Karl Heibrich Muscat tela jixhed f'dawn il-proceduri fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) allega li kien imgieghel jaghmel l-istqarrija u li ghandu dubju jekk il-Magistrat kienx hemm meta igguramenta l-istqarrija u li hadd ma qallu li ghandu d-drittijiet tieghu. Dwar id-droga li nstabet fil-karozza wiegeb kien hu li heba d-droga fil-gnien li ghandu Charles Spiteri u hadha hu u mar ibieghha, hadd ma tahilu. Jghid li d-droga xtraha minghand Giovanni il-Buras. Jghid li qal lil Magistrat mhux vera ghax beza ghax kellu l-vizzji tal-loghob, kellu d-dejn, kellu kollox. Kellu dejn ma wiehed mill-Hamrun jismu Charles u kien jahdem il-Union Club. Ikkonferma li kien wehel il-habs u fl-appell tnaqsitlu sena mill-piena. Dwar id-droga li kien heba fil-

gnientad-dar taz-zija, qal li li kien hbiha hemm hekk ghax ma rid li jkun jaf hadd xejn u jghid li abbuza mill-familja taz-zija. Ikkonferma li dak iz-zmien kien jghix fid-dar ta' zija Mary, kien jorqod hemm kwazi kuljum. Ikkonferma li kellu l-vizzju tal-loghob u li anke kien jiehu droga hu stess. Jghid li kien imbezza hafna minn Giovanni l-Buras u dan kien iqabdu jaghmel kollox. Spjega li kien issellef minghand Leli u li anke zewg ahwa miz-Zejtun kienu jigru warajh minhabba problemi tad-djun li kellu maghhom. Ghalhekk skont ma jirrizulta minn din ix-xhieda, huwa jinnega li kien l-imputat li kien jibghatu jbiegh id-droga kuntrarjament ghal dak li kien stqarr fl-istqarrija tieghu li kien anke gguramenta. Dwar Karl Muscat, PC 1065 Neville Grech fis-seduta tat-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006) kien xehed li fit-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) ghal habta tad-disgha ta' filghaxija fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Neil Harrison illum il-gurnata Superintendent, hu, ex PS 1052 u PC 138 kienu waqfu karozza taht il-pitch ta' Regional Road tat-tip Maruti griza bin-numru ta' registrazzjoni KAK091. Fil-karozza kien hemm Carl Muscat u Daniela Spiteri t-tifla ta' charles spiteri. Mit-tfittxija kienu elevaw mill-karozza mobile phone, travellers cheque, u zewg qratas bi trab abjad suspettat droga kokaina.

L-imputat Carmelo Spiteri ha l-pedana tax-xhieda fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn qal li fiz-zmien dan il-kaz kien jaghmel xoghol ta' tibjid, katusi u madum. Kien ghal rasu. Kien anke isarraf xi flus u ma kienx jaf li kienet kontra il-ligi. Kien anke delettant tal-kacca u tal-insib u kien irabbi l-fniek u annimali. Kienu jitrabbew hdejn il-luxol fil-propjeta ta' habib tieghu Patrick Gauci. Il-fniek kienu jbieghu minnhom familjari u l-blokkiijiet ta' hemmhekk u kienu jtellghu prima fuqhom. Spjega dwar it-tifel ta' oht il-mara li dak iz-zmien missieru kien Spettur tal-Pulizija Karl Heinrich. Kien xeba jiggieled mal-mara biex jitfghu 'l barra mid-dar izda b'rispett lejn missieru biex in-nies ma jdejquhx, kien jirrangalu man-nies. Kienu jghidilhom biex jaghtuh cans. Dwar it-tfittxija fir-residenza tieghu jghid li l-Pulizija qabdu vazzett tal-bovril, tefghu go borza u telqu 'l barra. Dwar George Bonello jghid li kien jaghtih ftit xoghol ta' tibjid 'l hemm u 'l hawn. Kien imur ipingi u jaghtih xoghol, kien joqghod *side street* minn Dingli Street. Ic-cekkijiet ta' George Bonello kienu antiki, kien jiddeposita il-bank il-flus u mbaghad kien imur l-imputat il-bank isarrafhom. Daqqa ma ha xejn ghax ikun tah xi bicca tax-xoghol u jiskwerjaw u daqqa kien jaghtih xi LM5. Jghid li minn ghandu zgur qatt ma xtara droga. Mistoqsi jekk hemm xi raguni li George Bonello

ghamel din l-istorja wiegeb li sar jaf li darba gieghel lil bintu tinza topless biex ipingiha. Din kellha hmistax-il sena u hu kellu l-fuq minn erbghin. Qal li '*Inzilt ghalih u li kellhi c-chance noqtlu kont dak il-hin jigifieri kieku tagghni c-chance hazin kien jispicca.*' Jahseb li dan kien qabel ma bdiet il-kawza, ma kienx hemm xi zmien twil izda qabel sa fejn jaf hu. Qabel zgur imma xi tlett gimghat qabel. Hassu offiz. Jghid li fid-dar ma sabulu xejn. In kontro-ezami qal li ma kienx jiehu droga dak iz-zmien. Dwar x'qal Heinrich Muscat wiegeb li mhux hu tahilu. Dwar George Bonello ukoll qal li qatt ma tah droga. Jghid li '*Il-bott ezattament qalilkom Heinrich Muscat fejn qieghed ghax huwa ghamlu hemm hekk u xhedu huwa stess. issa jiena mill-bott kulma niftakar huwa dan, qabdtu l-bott hekk, ghamiltu hekk, tfajtuh go borza u tlaqtu.*' Gewwa ma rrizulta xejn. Ikkonferma li joqghodu go flats tal-Gvern groundfloor u li ghandu entratura ghalih. Jghid li kienet minghajr grada. Mistoqsi '*Il-bott kien fil-propjeta*' *tieghek, naha ghandek c-cint u naha ghandek id-drive inn tighek, ara tiftakarx kienx mic-cint 'l gewwa, gor-residenza tieghek?*' wiegeb '*Bil-fors taht is-sigra.*' Jghid li jaf li l-Pulizija elevat foil tal-catering kbir li juza l-Orpheum u ma jiftakarx dwar il-carbonate of soda f'xi tlett bottijiet, jghid li ghadu juzah sal-lum. L-appellant tella lil bintu Daniela Spiteri bhala xhud in difeza fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn hija spjegat li lil George Bonello jafu bhala habib ta' missierha, kien jaghtih certu xoghol ta' tibjid. Jghid li xi hmistax-il sena ilu kellha madwar hmistax-il-sena kien qalilha biex ipingiha u darba qalilha biex tgholli naqra l-flokk u hassieta imbarazzata. Tghid li qalet lil ommha. Tghid li kien taghha *punishment* missierha. In kontro-ezami qalet li kellha kaz fejn kienet tiehu droga xi hames snin ilu. Ikkonfermat li kienet ma Heinrich Muscat meta gie arrestat. Kienet sejra tixtri mieghu, gabarha minn Birkirkara lilha u lil ommha umbaghad wasalhom hdejn id-dar u qalilhom biex ma tinzilx biex tigi mieghu jixtri u qaltlu ok u kienu sejrin jixtru l-hobz minghand il-*Well done*. Huwa kugin taghha. Dan kien ikun ta' spiss ghandhom u jiftakar lil ommha u missierha kienu jiggieldu ghax missierha ma riedux hemm. George Bonello kien jaghtih xoghol ta' tibjid u dawn l-affarijiet. Tiddeskrievi d-dar ta' George Bonello bhala flat, tidhol '*on the left isfel u naf li kont nibqa diehla 'l gewwa u ssib l-ahhar kamra, kif tithol naf li kien hemm salott u l- ahhar kamra tal-pittura.*' Xhud iehor in difeza kien Patrick Gauci li xehed fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn qal li kien jonsob mal-imputat u kien irabbi fniek fil-garaxx tieghu pembroke, u kienu fejn jistghu ibieghuhom u kienu jaqsmu mill-qliegh. Jishaq li perswaz li Charlie ma ghandux x'jaqsam ma' drogi. Albert Satariano xhud iehor in

difeza li xehed fil-hmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn spjega li Charles Spiteri ilu jafu minn 1985, 84-85 kien it-tifel ta' Joseph Spiteri, kien jahdimlu fil-fabbrika ibajjad, kien jigi mieghu bhala tifel imbghad il-missier qata mix-xoghol u baqa jahdem Charles. Spjega li kien jahdimlu l-fabbrika, kien jahdimlu d-dar u anke fuq id-dghajsa bhala handy man u x-xoghol li kien iqabduh. Gieli kien imur ghal-kacca u jqatta xi gurnata mieghu ghal kacca. Spjega li fin-nineties kien qisu impjegat mieghu u dan sal-2001.

Ikkunsidrat ulterjorament;

Illi ghalhekk jirrizulta mill-atti li l-Pulizija kellhom informazzjoni li l-imputat kien qieghed ibiegh id-droga. Irrizulta minn tfittxija li saret fir-residenza li nstabu cekkijiet mahruga minn G. Bonello u minn hemm hekk il-Pulizija investigat lil George Bonello li ammetta li xtara droga minghand l-appellant. Ghalkemm meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti snin wara li kien xtara d-droga kokaina, George Bonello ma ftakarx kollox, l-istqarrija rilaxxata minnu ma thalli l-ebda dubju li huwa kien xtara d-droga kokaina minghand l-appellant ghalkemm fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti jghid ukoll li gieli xtara minghand haddiehor ukoll. Wiehed ma jistax jinsa li Bonello xehed snin wara li kien gie arrestat. L-appellant jaghti x'jifhem li bhal donnu George Bonello qieghed bit-tiketta mal-appellant u dan peress li l-appellant jallega li kellu xi jghid ma' George Bonello meta George Bonello kien allegatament talab lil bint l-appellant tinza topless. Minkejja li dan George Bonello gie mistoqsi mid-difiza dwar it-tifla tal-imputat u kkonferma li jiftakarha teenager, huwa ma giex mistoqsi direttament dwar meta allegatament l-appellant ghamel ghal George Bonello meta sar jaf li allegatament kien gieghel lit-tifla tinza topless. Dwar ic-cekkijiet, l-appellant jispjega li dan kien jaghtihomlu George Bonello biex isarafhom u li anke kien jaghmel xoghol lil George Bonello. Anke f'dan il-kaz, George Bonello cahad li kien jaghti cekkijiet lill-appellant biex isarrafhom u lanqas ma gie mistoqsi dwar xi xoghol li George Bonello allegatament kien jaghti lill-imputat. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tqis il-kontenut tal-istqarrija rilaxxata minn George Bonello fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) bhala kredibbli.

Karl Muscat minn naha tieghu ghalkemm fl-istqarrija li kien irrilaxxa dak iz-zmien u cioe' fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) kien car fi kliemu u cioe' li kien jintbagahat miz-ziju tieghu u cioe' l-appellant ibiegh id-droga

ghaz-ziju tieghu, huwa f'dawn il-proceduri allega li dak li kien stqarr fl-istqarrija ma kienx minnu u lanqas meta l-istqarrija giet guramentata. Jaghti x'jifhem li l-pulizija gieghluh jirrilaxxa dik l-istqarrija. Mill-process tal-kawza kontra Karl Muscat jirrizulta ukoll li kienu gew intavolati proceduri kostituzzjonali sabiex tigi attakata l-istqarrija, liema sentenza mhijiex esebita in atti. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet sussegwentement wara li l-kawza kostituzzjonali ghaddiet in gudikat, ikkonfermat il-htija kontra Karl Muscat u naqset il-piena inflitta. Dwar il-kwistjoni tal-istqarrija rilaxxata minn Karl Muscat fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997), tqis li minkejja li Karl Muscat kien instab hati u gie anke kkundannat piena ta' prigunerija effettiva, gialadarba jirrizulta li l-istqarrija tieghu kienet ittiehdet fiz-zmien meta huwa ma kellux jedd li jikkonsulta Avukat qabel it-tehid taghha u lanqas li jkollu Avukat prezenti, din il-Qorti tent kont tal-kontestazzjoni li Karl Muscat qieghed iressaq u anke in vista tad-'*Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal- libertà*' li t-trasposizzjoni taghha fil-ligi Maltija dahlet ferm wara li Karl Muscat kien irrilaxxa l-istqarrija tieghu, sejra tiskarta l-istqarrija rilaxxata minn Karl Muscat fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) immarkata bhala Dok NH2. Din il-Qorti sejra tiskarta ukoll id-deposizzjoni guramentata tal-istess Karl Muscat moghtija quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-ewwle (1) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) fejn ukoll ma jirrizultax jekk Karl Muscat kienx assistit minn Avukat jew jekk inghatax id-dritt li jkollu Avukat waqt ir-rilaxx ta' din id-deposizzjoni.

Jirrizulta ukoll li nstab vazzett bovril taht sigra fid-drive in tal-appellant, liema vazzett kien fih droga kokaina. Skont ir-rapport tal-Ispizjar Mario Mifsud a fol 124 et sequitur jirrizulta li fil-bott tal-bovril u cioe' fil-borza trasparenti li kien hemm go fih kien hemm 52.15 grammi kokaina. Minn dan ir-rapport jirrizulta ukoll li l-ezamijiet ghall-mechanical fit bejn it-tape li kien hemm fid-dokumenti 97 CEX 301 u cioe' il-bott tal-bovril u 302 u cioe' roll ta' tape ta' lewn abjad taw rizultat negattiv. Mir-rapport tal-istess spizjar Mario Mifsud a fol 134 et sequitur irrizulta li l-esebit 97 CEX 312 u cioe' borza tal-plastik li nstabet fil-haxix kien fiha tracci ta' kokaina u li mill-analizi li saru

fuq il-kolla tat-tapes li kien hemm fid-dokumenti 97 CEX 301 u cioe' mal-flixkun tal-bott tal-Bovril u 302 cioe' roll ta' tape ta' lewn abjad gie determinat li l-kolla ta' dawn it-tapes kellha l-istess kompozizzjoni organika. Ghalhekk jirrizulta li nstabu tracci ta' droga kokaina f'borza li kieneet fil-haxix, jirrizulta li fil-vazzett Bovril kien hemm ammont sostanzjali ta' droga kokaina. Karl Muscat ghalkemm fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri kontra l-appellant ma jirreferiex specifikament ghal bott bovril, jghid li kien hu li kien ipoggi d-droga fil-gnien taz-zija. Bil-kelma 'gnien' din il-Qorti qieghda tifhem f'parti tad-drive in tar-residenza tal-appellant. Abbazi ta' dan il-fatt, din il-Qorti mhijiex sejra tistrieh fuq is-sejba tal-bott tal-Bovril bil-kokaina u t-tracci kokaina misjuba f'borza li instabet fil-haxix.

Din il-Qorti lanqas ma hija se taghti piz r-rizultanzi dwar Noel Buhagiar u Christopher Scerri li ftit li xejn ftakru affarijiet meta xehdu, Paul Caruana li baqa' jichad li kien ikkuntatja lill-appellant u Joseph Mallia li ma jirrizultax pruvat li kellu involviment fix-xieri ta' droga. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tistrieh fuq dak li stqarr George Bonello u cioe' li huwa xtara droga kokaina minghand l-appellant li necessarjament ifisser li l-appellant mhux biss ittrafika d-droga kokaina izda kien anke fil-pussess taghha gialadarba traffikaha. Minkejja li l-istqarrija ta' George Bonello ttiehdet meta lanqas huwa ma kellu l-jedd li jikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid taghha u lanqas li jkollu Avukat prezenti, din l-istqarrija ma jirrizultax li qieghda tigi kkontestata minn George Bonello u in oltre' d-difiza lanqas qieghda tqajjem lanjanzi dwar il-fatt <u>li l-istqarrija ta' dan ix-xhud</u> ittiehdet fiz-zmien meta suspettat ma kellux dritt li jikkonsulta ma' Avukat u lanqas li jkollu Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. In oltre jirrizulta li fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) fil-kawza kontra George Bonello, dan George Bonello kien assistit minn Dr Borg Cole fejn kien ammetta l-akkuza dedotta kontra tieghu u fl-istess seduta kien anke xehed skont kif jirrizulta a fol 80 fejn kien ikkonferma l-istqarrija rilaxxata minnu. Ghalhekk la darba mill-verbal tas-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) George Bonello kien assistit minn Avukat din il-Qorti qieghda tifhem li meta George Bonello xehed fil-proceduri kontra tieghu fl-istess seduta fejn kien ikkonferma l-istqarrija rilaxxata minnu, huwa kien gie assistit minn Avukat. Ghalhekk l-istqarrija ta' George Bonello hija prova ammissibli, prova li giet anke kkonfermata minn dan ix-xhud f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat;

Id-difiza tikkontendi li ma ngabitx prova li s-sustanza allegatament ikkunsmata minn Bonello kienet droga kokaina. Li Bonello mhuwiex espert u li ghalhekk ma giex ippruvat li s-sustanza kienet id-droga kokaina. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) Versus Monique Borg'</u>**[39] kien ikkunsidrat li:

*31..Id-difiża tikkontendi li m'hemmx il-prova xjentifika li l- materja kienet droga kokaina u cannabis. Dan għaliex, għalkemm fil-proċess hemm ir-relazzjoni ta' l-Ispiżjar Mario Mifsud, u, għalkemm fil-prime note jidher li xehed, ix-xhieda tiegħu ma tidhirx fil-proċess.*

*32. Id-difiża qed issostni li tali prova xjentifika hija indispensabbli. Iżda fil-ġurisprudenza din l-asserzjoni mhix sorretta b'dan il-mod definittiv li d-difiża qed tgħid. Tant li tista' ma tinstab ebda droga u xorta wieħed jista' jinsab ħati kemm ta' pussess jew addirittura ta' traffikar.*

*33. Fil-fatt fil-każ deċiż fis-6 ta' Jannar 2004 mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Sharon O'Neill' il-Qorti qalet hekk:*

***'Huwa veru li, fl-assenza tas-sejba ta' droga u fl- assenza ta' l-analiżi tagħha, jista' jkun hemm ċirkostanzi li jitfgħu dubju dwar kemm verament l- oġġett li dak li jkun ikun xtara (jew żamm jew għadda lil ħaddiehor) kien droga projbita mil-ligi. Mill-banda l- oħra, meta si tratta ta' oġġett li jiġi kkunsmat, tkun ħaġa assurda li wieħed jippretendi li f'kull kaz, biex tinstab htija, hemm bzonn li tinstab ukoll xi droga jew traċċi tagħha jew oggetti relatati ma' l-abbuż tad- droga. Fi kliem iehor, jekk qorti tkun sodisfatta – bħalma l-ewwel qorti kienet sodisfatta f'dan il-każ – li dak li qed jammetti l-imputat huwa minnu, u cioe` f'dan il-każ li l-appellanti verament kellha r-raża tal- cannabis u l-"ecstasy", u mhux xi "oġġett" iehor, allura l-ħtija tista' tiġi bbażata esklussivament fuq tali ammissjoni. L-istess jista' jingħad ghad-depożizzjoni ta' xhud, wiehed jew aktar, fil-konfront tal-akkużat meta ma tinstabx droga.***

***Omissis***

***Kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz'.***

*34. Min-naħa l-oħra, fejn il-fatti kienu totalment xort'oħra, fil-każ fir-Renju Unit 'R versus Hill' 96 Cr.App.R 456 CA intqal hekk:*

[39] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-15 ta' Settembru, 2008 (Numru: 270/2000)

***'While scientific evidence was not required in every case to identify a drug, the prosecution must establish the identity of the drug that was the subject matter of the charge with sufficient certainty to achieve the standard of proof required in a criminal case. In the instant case, ( where the police had observed the exchange of a 'small dark object') the evidence was insufficient to establish that what had changed hands was cannabis resin. Semble, the conclusion might have been different had the charge referred to 'cannabis or cannabis resin.' (See R versus Best 70 Cr.App.R.21).[40] '***

*35. Għalhekk it-teorija li l-prova xjentifika hija indispensabbli sabiex ikun hemm il-prova materjali mhix sorretta mill-każistika li ta' Malta u lanqas ta' barra.* ***Jekk ikun eskluż ir-rapport li għamel l-espert Mario Mifsud li ma kienx maħluf lanqas fl-istadju ta' l-investigazzjoni, il-Qorti trid tara jekk hemmx provi oħra fil-proċess li xorta jammontaw għall-prova ta' fiex kienet tikkonsisti s-sustanza.***

*36. Mill-proċess jirriżulta li l-imputata ammettiet li dak li nstab fis-salott ħdejn l-oasis tal-qasrija kien tagħha (u fuq dan m' hemm ebda kontradizzjoni fil-proċess). Kienet taf ukoll li s-sustanza li l-Pulizija sabu fil-kamra tas-sodda kienet id-droga kokaina kif jidher mir-reazzjoni tagħha meta xehdet a fol.80. Hi xehdet li kienet taf x'qed tagħmel Sandra Camenzuli u liema droga kienet qed tbiegħ.*

*37. Min-naħa l-oħra, waqt it-tfittxija, hija kienet qalet li l- affarijiet li kienu fil-kamra tas-sodda kienu tagħha waqt li ma' Pulizija oħra hija nnegat li l-kaxxa l-ħadra li għaliha ma kienx hemm ċavetta kienet tagħha. Id-difiża hawn rat kontradizzjoni bejn ix-xhieda li ngħatat minn żewġ membri tal-Pulizija differenti. Il-Qorti ma tqisx din is-sottomissjoni bħala waħda korretta għaliex l-ewwelnett kull wieħed qed jixhed dak li kien irraportat lilu u t-tieni huwa ferm loġiku u possibbli li l-imputata tgħid li dak li kien hemm il-kamra tas-sodda kien tagħha meta kienet qed titkellem b'mod ġenerali u imbagħad ikkorreġiet ruħha meta tkellmet fuq il- kaxxa b'mod partikolari.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija v. Sharon O'Neill'</u>**[41] gie kkunsidrat li:

*'L-aggravju ta' l-appellanti huwa wiehed semplici: hija tikkontendi li galadarba ma nstabet u*

---

[40] Archbold edition 2003 page 2259 (Din ir-referenza tinsab fin-nota enumerata tlieta (3) fis-sentenza citata)

[41] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Jannar, 2004 (Appell Kriminali Numru: 171/2003)

*giet elevata ebda droga – sia jekk droga projbita taht il-Kap. 101 jew droga li hi regolata bil-Kap. 31 – hija ma setghetx tinstab hatja kif effettivament instabet. Tikkontendi li s-semplici fatt li hija ammettiet li kellha fil-pussess taghha u li xtrat ghal haddiehor ir-raza tal-cannabis kif ukoll l- "ecstasy", ma kienx bizzejjed biex il-prosekuzzjoni tipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-element materjali tar-reat, u dan peress li dak li hija xtrat seta' ma kienx verament raza tal-cannabis jew "ecstasy".*

*Dan l-aggravju huwa, fic-cirkostanzi, wiehed infondat. Huwa veru li, fl-assenza tas-sejba ta' droga u fl-assenza ta' l-analizi taghha, jista' jkun hemm cirkostanzi li jitfghu dubju dwar kemm verament l-oggett li dak li jkun ikun xtara (jew zamm jew ghadda lil haddiehor) kien droga projbita mill-ligi. Mill-banda l-ohra, meta si tratta ta' oggett li jigi kkunsmat, tkun haga assurda li wiehed jippretendi li f'kull kaz, biex tinstab htija, hemm bzonn li tinstab ukoll xi droga jew tracci taghha jew oggetti relatati ma' l-abbuz tad-droga. Fi kliem iehor, jekk qorti tkun sodisfatta – bhalma l-ewwel qorti kienet sodisfatta f'dan il-kaz – li dak li qed jammetti l-imputat huwa minnu, u cioe` f'dan il-kaz li l-appellanti verament kellha r-raza tal-cannabis u l- "ecstasy", u mhux xi "oggett" iehor, allura l-htija tista' tigi bbazata esklussivament fuq tali ammissjoni. L-istess jista' jinghad ghad-deposizzjoni ta' xhud, wiehed jew aktar, fil- konfront tal-akkuzat meta ma tinstabx droga. S'intendi f'kaz simili l-ghaqal x'aktarx ikun jitlob li x-xhud jigi mistoqsi, fost affarijiet ohra, x'kien l-effett tat-tehid jew amministrazzjoni ta' dak l-oggett li huwa jghid li jkun xtara minghand l-akkuzat, u dan sabiex wiehed ikun jista' jivverifika jekk tali effett hux simili ghal dak tad-droga li l- prosekuzzjoni tkun qed tallega li kellu jew li bejgh l- imputat jew akkuzat. Kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz. Fil-kaz in ezami din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha b'xi mod tvarja l-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-ewwel qorti, konkluzzjoni bbazata esklussivament fuq iz-zewg stqarrijiet (wahda minnhom guramentata) tal-appellanti.'*

L-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Nezren Grixti) vs Jason Zammit'** [42] fejn gie kkunsidrat li:

*'F'dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni ma talbitx illi ssir analizi tal-pilloli esebiti minnha, permezz ta' espert mahtur mill-Qorti u r-raguni ghal dan jidher li kienet illi d- difiza ddikjarat illi kienet qeghda taqbel illi l-pilloli misjuba kienu DHCs. Fin- nuqqas ta' kwalsiasi analizi, madankollu, il-Qorti m'hijiex f'posizzjoni li tkun taf minn x'hiex kienu komposti dawn il-preparati u*

[42] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-27 ta' April, 2015 (Numru: 225/2007)

*konsegwentement lanqas m'hija f'posizzjoni li tkun taf jekk dawn il-pilloli jew preparati Dihydrocodeine jidhlux fil-parametri tal-esenzjoni indikata fit-Taqsima III imsemmija. Kull dubju ghandu jmur favur l-imputat u ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni illi tali pilloli huma medicina perikoluza kif definita taht il-Kapitolu 101 u ghalhekk lanqas li huma kolpiti bl-Artikolu 7(2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija Spettur Victor Aquilina Vs Emad Masoud</u>**'[43] deciza minn din il-Qorti kif preseduta gie kkunsidrat li:

*'Illi stante li in linea ma dak ikkunsidrat aktar kmieni f'din is-sentenza, l-istqarrija rilaxxata mill-appellant kif ukoll dak kollu li l-appellant qal lill-Pulizija waqt l- investigazzjoni huwa inammissibli, l-unici provi li l-Qorti ghandha quddiemha huma x-xhieda tal-ufficjali tal-Pulizija li jixhdu dwar ir-raza tal-cannabis kif ukoll s- sustanza suspettata raza tal-cannabis esebita quddiem l-Ewwel Qorti u l-oggetti kollha elevati inkluz flixkun tal-coca 'forma ta' bong'*[44]*. Minkejja li fil-fedina penali aggornata tal-appellant prezentata fl-atti jirrizultaw numru ta' kundanni rigwardanti droga, dan bl-ebda mod ma jghin il-kaz tal-prosekuzzjoni.*

*Gialadarba ma saret l-ebda analizi tas-sustanza suspettata raza mehuda mill-pjanta tal-Cannabisu, stante li l-imputazzjonijiet mahruga fil-konfront tal-appellant jirrigwardaw il-bejgh jew it-traffikar kif ukoll il-pussess tar-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, din il-Qorti tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ma resqitx l-ahjar prova, ma lahqitx il-grad ta' minghajr dubju dettat mir-raguni u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkonferma l- htija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-appellant.'*

Ghalhekk jirrizulta li fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija Spettur Victor Aquilina Vs Emad Masoud</u>**'[45] il-Prosekuzzjoni kienet strahet fuq l-ammissjoni tal-imputat maghmulha fl-istqarrija u minkejja li d-droga kienet giet esebita quddiem il-Qorti, din baqghet qatt ma giet analizzata. Gialadarba l-istqarrija rilaxxata mill-imputat kienet giet iddikjarata bhala inammissibli, ma kien hemm l-ebda prova ta' x'kienet is-sustanza in kwistjoni. Kuntrarjament ghal dan, fil-kaz odjern ghalkemm is-sustanza li kien jixtri George Bonello minghand l-appellant ma gietx ezaminata, din il-Qorti tqis li l-*user* ta' din id-droga ikkonferma li huwa kien jixtri d-droga kokaina minghand l-appellant u ghalhekk

[43] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Mejju, 2019 (Appell Numru 320/2018)
[44] Xhieda ta' PS1174 Adrian Sciberras moghtija fit-28 ta' Mejju, 2012 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata dsatax (19) fis-sentenza citata)

[45] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Mejju, 2019 (Appell Numru 320/2018)

ma hemm l-ebda dubju ta' x'kienet din is-sustanza. Ghalkemm George Bonello ma huwiex espert fl-analizi ta' sustanzi u lanqas spizjar, din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ressqet l-ahjar prova li kellha. Mhuwiex kaz li xhud qieghed jghid li xtara trab abjad minghajr ma jaf x'kien qieghed jixtri. Kien l-*user* stess li kkonferma dak li xtara u cioe' li kienet droga kokaina.

Ghalhekk din il-Qorti tikkonkludi li kemm l-ewwel imputazzjoni dwar it-traffikar tad-droga kokaina u anke t-tieni imputazjoni dwar pussess tad-droga kokaina mhux ghall-uzu tieghu gew sufficentement ippruvati u dan peress li stante li George Bonello kkonferma li xtara d-droga kokaina minghand l-imputat ifisser necessarjament li l-imputat kien fil-pussess ta' din id-droga u naqas li jiprova li d-droga kienet ghall-uzu tieghu.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra tqis ukoll l-imputazzjoni bl-ittra 'g' u cioe' l-aggravanti li l-appellant ikkometta r-reati fl-ewwel zewg imputazzjonijiet f'distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centre taz-zaghzagh jew fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh. Il-Perit Richard Aquilina fir-relazzjoni tieghu a fol 92 senjatament a fol 93 ikkonkluda li '*fil-pjanta annessa jidher indikat bl-ittra (X) dan il-post, kif ukoll cirku li ghandu Radius ta' mitt metru fejn jirrizulta li partimill-Kullegg tal-Libjani jaqa f'distanza ta' anqas minn mitt metru mill-post ta' fejn kien instab dan il-flixkun.*' Fl-istess relazzjoni u cioe' fil-parti dedikata ghall-access li sar fuq is-sit PC 579 Antoine Micallef indikaw fejn kienu sabu flixkun tal-bovril imdawwar bit-tape. L-imputat ikkonferma li l-Pulizija kienu elevaw vazzett mill-post li indika PC 579 Antoine Micallef izda li dan ma kien fih xejn. L-appellant jghid li mir-rapport tal-Perit Richard Aquilina a fol 92 et sequitur tal-atti processwali jemergi bic-car li l-espert "*sabiex jaqdi l-inkarigu lilu moghti, l-esponent zamm access go Tiq Jean Houel, Ta' Giorni, San Giljan*". Li dan jidher ukoll mll-pjanta mehmuza mar-rapport. Jissottometti li r-residenza tal-appellant ma kinitx gewwa Triq Jean Houel, ossia mill-post li sar il-kejl izda kienet gewwa triq Bertha Quay. Jissottometti li r-residenza tal-appellant mhiex qieghda fi triq Jean Houel u konsegwentement il-kalkoli maghmulha mill-Perit Richard Aquilina filwaqt li huma tajba mil-lat ta' kejl, il-kejl jirreferi ghal locus iehor li mhuwiex il-fond mertu ta' dawn il-procedui. Konsegwentement fid-dawl ta' tali kalkoli, skont l-appellant ma jista' qatt jirrizulta li

hemm anqas minn 100 metru mill-post fejn allegatament ikkommetta r-reati ravvizati fl-ewwel u fit-tieni imputazzjoni ghal post fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh.

Kif gia inghad jirrizulta li fejn gie indikat lill-Perit fejn instab il-bott jinsab f'distanza anqas minn metru mill-kullegg tal-Libjani. Jirrizulta mill-istess relazzjoni tal-Perit li l-access sar gewwa triq Jean Houel u mhux gewwa triq '*Bertha K.ilg*' kif indikat fic-citazzjoni. Din il-Qorti tistaqsi jekk jistax jaghti l-kaz li din tirreferi ghall-istess triq jew jekk din id-differenza fl-isem tat-triq kinitx minhabba li s-sit jinsab f'kantuniera u li ghalhekk jaghti fuq zewg toroq? Dawn huma mistoqsijiet li ma jistghux jigu mwiegba gialadarba ma jirrizultawx mill-atti. Ghalkemm jirrizulta li l-appellant kien prezenti ghall-access u anke ikkonferma fejn instab il-bott, la darba s-sejbien ta' htija qieghda tinstab fuq dak li stqarr ix-xhud George Bonello u mhux fuq is-sejba tal-bott bovril bid-droga kokaina fih, din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq distanza ta' bejn fejn instab il-bott ghall-iskola. Jirrizulta li George Bonello kien gieli jixtri d-droga minn fejn jirrisjedi l-appellant u fl-istqarrija rilaxxata minnu jghid li kien imur Ta' Giorni, fl-inhawi tal-flats tal-Gvern li qeghdin faccata tal-iskola tal-Gharab ghalkemm jghid li qatt ma dahal fir-residenza, ma jistax jigi stabbilit b'certezza li fejn George Bonello kien jiltaqa mal-appellant biex jixtri l-kokaina kien f'distanza ta' anqas minn mitt metru mill-iskola jew minn fejn jiltaqghu z-zaghzagh. Abbazi tal-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-imputat, qieghda tillibera lill-appellant minn din l-imputazzjoni.

Din il-Qorti sejra tikkunsidra t-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet u cioe' dawk bl-ittri (c), (d) u (e) li jaqraw:

> '*(c) ukoll illi fit-30 ta' Settembru 1997 u fl-ahhar sentejn qabel dina d-data ghamel lottu klandestin b'weghdiet lill-gugaturi ta' premijiet ta' flus jew ta' haga ohra jew bil-mezz ta' gbir ta' sottoskrizzjonijiet ta' gugati fuq komunikazzjonijiet ta' numri li jaqblu ma' dawk ta' lottu pubbliku jew li jkunu bhalhom;*
>
> *(d) u aktar talli fl-istess data u cirkostanzi ghamiltha ta' ricevitur ta' gugati tal-lottu, minghajr awtorizazzjoni;*
>
> *(e) u nakkuzawk ukoll talli fl-istess data u cirkostanza laghbt gugata (football pools), sew bi hlas fil-pront jew bid-dejn bi ksur tal-Artikolu 16 (3) Kap.131 tal-Ligijiet ta' Malta.*'

Mill-atti jirrizulta li l-appellant fix-xhieda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti stqarr li kien irabbi fniek ma habib tieghu Patrick Gauci fejn il-Luxol u li kienu jbieghuhom. Qal

ukoll li '*konna nbieghu minnhom familjari u dawk tal-blokkijiet t'hemm hekk stess, konna ntellghu Prima fuqhom biex dak li jkun jaghmel kuragg iktar, dak biss.*'PC 682 Michael Cutajar li xehed fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006) dwar it-tfittxija li saret fit-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) fost affarijiet ohra xehed li sabu xi biljetti tal-karti tal-loghob illegali. Jirrizulta ukoll li fit-tfittxija instabet kaxxa hamra li kien fiha l-flus. Mill-provi imressqa, din il-Qorti ma tqis li dawn it-tlett imputazzjonijiet gew sufficentement ippruvati u ghalhekk l-appellant ser jigi liberat minnhom.

Ikkunsidrat;

L-appellant huwa anke akkuzat bir-recidiva b'sentenza datata il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u ebgha u disghin (1994). Fis-seduta tas-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn u hamsa (2005) id-Deputat Registratur Brian Avellino kien prezenta vera kopja tas-sentenza moghtija mll-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u erbgha u disghin (1994) fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Carmel Bartolo) vs Carmelo Spiteri'. L-appellant kien gie kkundannat multa ta' tlett mitt lira maltin (LM300) li kellu jithallas fiz-zmien tlett (3) xhur.

Din il-Qorti tqis li hija l-Prosekuzzjoni li trid tiprova l-imputazzjonijiet inkluz l-addebitu tar-recidiva. Id-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn. Din il-Qorti mhux biss tqis li mill-fedina penali ma jirrizultax jekk thallsitx il-multa izda in oltre' lanqas ma tista' tistrieh fuq il-prezentata tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u l-fedina penali bhala prova li sentenza tkun ghaddiet in gudikat stante li l-kundanna titnizzel fil-fedina penali anke meta jkun hemm appell pendenti u f'kaz li l-Qorti tal-Appell Kriminali tirrevoka u thassar is-sentenza appellata, il-kundanna li tkun tnizzlet fil-fedina penali tigi sussegwentement imhassra. Ghalhekk il-fatt li l-fedina penali tkun tirreferi ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ma jfissirx necessarjament li dik tkun finali, fis-sens li ma jkunx hemm appell pendenti.

Ghalhekk din il-Qorti mhijiex titratta lill-appellant bhala recediv.

Dwar il-piena, din il-Qorti tqis li r-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-appellant huma reati sejri u ta' minacca ghas-socjeta. Tqis li d-droga qieghda taghmel hsara kbira

lis-socjeta' tant li n-nies li qeghdin jinhakmu fil-vizzju tad-droga mhux biss qeghdin jaghmlu hsara lilhom infushom izda qieghdin jaqghu fil-hajja kriminali fejn qeghdin jikkommettu reati bhal serq sabiex jiffinanzjaw il-vizzju taghhom. Ghalhekk nies innocenti qeghdin ibaghtu konsegwenzi koroh rizultat ta' droga.

Din il-Qorti qieghda tqis ukoll li dan il-kaz imur lura ghal madwar tnejn u ghoxrin (22) sena fejn jirrizulta li l-process kien anke inharaq meta awla inhaqmet minn nirien u fejn ghalhekk il-process kellu jigi rikostruwit. Din il-Qorti sejra minhabba t-trapass taz-zmien, tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' prigunerija effettiva izda fil-minimu ta' dak li tiprovdi l-ligi u cioe' sitt (6) xhur. Din il-Qorti sejra tikkundanna lill-appellant ukoll ghal hlas ta' multa ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) li ghandha tithallas fiz-zmien xahar. L-appellant ma rnexxielux jipprova l-provenjenza tal-flus li nstabu fuqu u fir-residenza tieghu u ghalhekk din il-Qorti qieghda tordna l-konfiska ta' dawn il-flus ukoll.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-appellant hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u cioe' dawk bl-ittri (a) u (b) u tillibera lill-appellant mill-kumplament tal-imputazzjonijiet u cioe' dawk bl-ittri (c), (d), (e), (f) u (g) u tikkundanna lill-appellant ghal sitt (6) xhur prigunerija effettiva kif ukoll multa ta' elf u hames mitt ewro (€1,500). Din il-multa ghandha tithallas fiz-zmien xahar mil-lum u f'kaz li tibqa' ma tithallas tigi konvertita fi prigunerija skont il-ligi.

Din il-Qorti tordna ukoll id-distruzzjoni tal-oggetti kollha relatati mad-drogi kif ukoll id-droga u tordna ukoll il-konfiska tal-flus esebiti.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur